MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 976/1987/2

**David Jones bhala Managing Director u Alfred Pollacco bhala Direttur, it-tnejn in rapprezentanza tas-socjetà VALFRACHT SHIPPING COMPANY LIMITED**

**v.**

**Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici in rapprezentanza tas-socjetà Sea Malta Company Limited; u Joseph Curmi f'ismu proprju u Vivian Bianchi f'ismu proprju kif ukoll bhala Chairman u in rapprezentanza tas-socjetà Bianchi & Sons Limited, u b'nota tal-20 ta' April 1988 Joseph Curmi assuma l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dottor Giuseppe Mifsud**

**Bonnici in rapprezentanza tas-Sea Malta Company Limited, u b'nota tas-17 ta' Gunju 1992, Joseph Apps assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Curmi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Sea Malta Company Limited**

## Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi nomine, wara illi ppremettew illi s-socjetà attrici, bhala socjetà Maltija u registrata Malta kellha u ghandha interess li tippartecipa fil-garr ta' merkanzija minn u lejn Malta mill-portijiet tar-Renju Unit u Germanja, Olanda u Bel(g)ju u ghal dan il-ghan kienet talbet lid-Direttur tal-Portijiet b'ittra datata 27 ta' Gunju, 1985 (Dok. A), sabiex tigi awtorizzata li topera servizz marittimu indipendenti minn u ghal dawn il-portijiet;  illi wara negozjati fit-tul, il-Prim' Ministru u Ministru li dak iz-zmien kien responsabbli ghall-Portijiet, l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, kien ta lill-attur David Jones *letter of intent* datata 24 t'Awwissu, 1985 (Dok. B) li fiha iddikjara li kienet l-intenzjoni tal-Gvern ta' Malta li jaghmel l-arrangamenti necessarji biex jaghmilha possibbli ghas-socjetà attrici li topera servizz indipendenti ta' linja marittima mill-portijiet fuq imsemmija ghal Malta u *vice versa*, taht id-dispozizzjonijiet tal-*Carriage of Goods by Sea (Regulation) Act 1980* u biex is-socjetà attrici tkun inkluza fil-lista ta' linji marittimi awtorizzati li tkun pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern;  illi in segwitu ghal din il-*letter of intent*, kien mehtieg li s-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited tiftah negozjati mal-*Conference Lines* esteri, li uhud minnhom huma rapprezentati f'Malta mis-socjetà konvenuta Bianchi & Sons Limited, sabiex jigu riveduti il-*Cargo Sharing Agreements* tax-*Shipping Conferences* bil-ghan li jkun possibbli li tkun tista'

tippartecipa ukoll is-socjetà attrici, u kien ghalhekk li s-socjetà konvenuta Sea Malta giet mitluba mill-Gvern biex taghmel dawn it-tibdiliet mal-linji marittimi esteri, kif jirrizulta ukoll mit-*telex* mibghut mill-konvenut Curmi fil-21 t’Awwissu, 1985 (Dok. C); illi minflok il-konvenut Curmi ha l-passi necessarji fl-ahjar interess u lealtà lejn il-Gvern biex jimplimenta l-istruzzjonijiet tal-Prim’ Ministru u Ministru responsabbli ghall-Portijiet biex dan il-ghan isehh, il-konvenuti Curmi u Bianchi proprio ftehmu bejniethom minn qabel x’oggezzjonijiet kellhom isiru, kif jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza; illi b’*telex* tal-konvenuti Vivian Bianchi proprio u s-socjetà Bianchi & Sons Ltd. tas-27 t’Awwissu 1985 lill-linji marittimi esteri ta’ l-Europa ta’ Fuq biex dawn iqajjmu oggezzjoni qawwija ghat-tibdil propost mill-Gvern Malti u dana biex fi kliem testwali tal-istess konvenuti ‘*to assist Sea Malta to defend its own position with the Malta Government …*’ u b’hekk il-Gvern ta’ Malta jkollu ighid lis-socjetà attrici li jkunu jistghu igorru biss merkanzija taht il-gwienah tas-Sea Malta, li ma jgorrux *conventional cargo*, li jhallsu *compensation* nonostante illi s-Sea Malta u l-linji esteri kollha ma jhallsuhiex, illi topera *slot charters* biss mal-linji Bulgari u li ma tistax tghabbi mill-portijiet ta’ l-Europa ta’ Fuq; illi bejniethom il-konvenuti Bianchi u Curmi proprio, li dak iz-zmien kienu it-tnejn diretturi tas-socjetà Sea Malta Company Limited, ikkonfoffaw u ftehmu sabiex joholqu l-oggezzjonijiet kollha possibbli biex il-*Cargo Sharing Agreement* tal-*Conference Lines* ma jinbidlux u b’hekk ikun impossibbli ghall-Gvern ta’ Malta li jippermetti lis-socjetà attrici li topera mill-portijiet fuq imsemmija; tant li sahansitra raw kif ghamlu biex is-Sea Malta Company Limited tahdem b’ vapuri taghha bi qliegh inqas, *purchè* li ma jidhlux linji godda, u makkinazzjonijiet ohra simili; illi meta l-konvenut Curmi u s-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited irraportaw lill-Prim’ Ministru Mifsud Bonnici, pingew stampa ferm negattiva u ker(h)a u ibbazata fuq il-konfoffi u ftehim li saru bejn l-istess konvenuti u dana biex is-Sea Malta izzomm il-*Cargo Sharing* u s-*Slot charter Agreements* mal-linji esteri minghajr tibdil, kif jidher mit-*telex* tal-konvenuti Vivian Bianchi proprio u s-socjetà Bianchi & Sons Ltd. lid-ditti esteri marittimi tat-28 t’Awwissu, 1985 (Dok. E), biex b’hekk is-socjetà attrici

tibqa' eskluza mill-garr tal-merkanzija kontra r-rieda tal-Prim' Ministru u l-Ministru responsabbli tal-Poprtijiet; u ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuti imponew kondizzjonijiet aktar iebsa u diskriminatoriji kontra s-socjetà attrici, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi wara illi s-Sea Malta Company Limited stabbiliet is-servizz taghha b'uzu ta' vapuri taghha, il-konvenuti Vivian Bianchi proprio u s-socjetà Bianchi & Sons Limited ghamlu sforzi biex jgharqu (*sic*) s-servizz tas-Sea Malta ghal beneficcju taghhom mir-Renju Unit u mill-portijiet ta' l-Ewropa ta' Fuq ghal Malta biex b'hekk ikomplu jimblokkaw is-socjetà attrici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi wara li gie impost fuq is-socjetà attrici li din trid tahdem biss mal-linji Bulgari, il-konvenut Curmi bhala Managing Director tas-Sea Malta mar direttament ghand il-Bulgari u offrielhom li jhallashom l-istess *slot charter costs* bhal tal-*Conference Lines*; b'dan il-mod, u l-imposizzjoni tal-hlas ta' *compensation* fuq is-socjetà attrici, hu gab lill-istess socjetà attrici mhux kompetittiva, u anke gab l-interess suprem li jimblokka lis-socjetà attrici qabel id-dmir u dover tieghu lejn is-Sea Malta Company Limited li taghha hu Direttur li jipprova jtejjeb is-*slot areas* tas-Sea Malta mal-Bulgari u li s-Sea Malta kellha mal-linji esteri membri taz-zewg konferenzi; illi kif jidher mid-dikjarazzjoni bil-miktub tal-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, tad-29 t'Ottubru, 1987 (Dok. F), ghalkemm ir-rieda tieghu bhala Prim' Ministru u Ministru responsabbli ghall-Portijiet kienet li s-socjetà attrici topera is-servizzi taghha indipendenti mir-Renju Unit u mill-portijiet tal-Ewropa ta' Fuq ghall-Malta u 'li dan ma sehhx ghaliex is-Sea Malta Co. Ltd. qanqlet oggezzjoni wara l-ohra biex dan ma jsirx'; illi bhala rizultat dirett tal-makkinazzjonijiet, kolluzzjoni u *unfair practices*, tghawwig tal-fatti, *misrepresentations* u rapporti inveritjeri tal-konvenuti proprio et nomine, li agixxew dolozament, is-socjetà attrici giet imblokkata milli topera is-servizz marittimu taghha u ghada effettivament blokkata milli taghmel dan s'issa; illi bhala rizultat ta' dan is-socjetà attrici mill-1985 sal-lum sofriet danni konsiderevoli konsistenti f'telf ta' qliegh mill-operazzjoni tas-servizz li hi kien behsiebha iddahhal skond l-intenzjoni tal-Gvern ta' Malta, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-

konvenuti pro et noe, ghal skop ta’ konkorrenza xerrdu notizzji li setghu jaghmlu hsara lill-kummerc tas-socjetà attrici bi ksur tal-Art 34(1) Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi l-konvenuti interpellati bi protest gudizzjarju biex jersqu ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta’ dawn id-danni baqghu inadempjenti; talbu ghaliex m’ghandux jigi minn dik il-Qorti dikjarat u deciz: 1) illi l-konvenuti proprio et nomine bl-agir abuziv u doluz taghhom billi ftehmu bejniethom biex joholqu l-ostakoli kollha possibbli u jikkonfoffaw ma’ ditti marittimi esteri biex jimpedixxu li is-socjetà attrici tigi awtorizzata li topera linja ta’ servizz marittimu indipendenti minn u ghal Malta mill-portijiet tar-Renju Unit u tal-Ewropa ta’ Fuq, b’dan li l-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog din l-awtorizzazzjoni u il-fatt ukoll li xerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-kummerc tas-socjetà attrici, bi skop ta’ konkorrenza bi ksur ta’ Art. 34(1) ta’ Kap. 13, huma responsabbli *in solidum* bejniethom ghad-danni li sofriet is-socjetà attrici bhala rizultat tal-eghmil doluz taghhom, ghat-tenur tal-Art. 1049 tal-Kodici Civili; 2) ghaliex dawn id-danni, m’ghandhomx jigu likwidati inkluzi danni li jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; 3) ghaliex il-konvenuti proprio et nomine m’ghandhomx jigu *in solidum* bejniethom kundannati li jhallsu lis-socjetà attrici dik is-somma hekk likwidata, in linea ta’ danni kif fuq intqal, flimkien mal-imghaxijiet kummercjali, salvi kull danni futuri ulterjuri u salva kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetà attrici; bl-ispejjez - komprizi dawk tal-protest tad-9 ta’ Settembru, 1987 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru tal-lum stess - kontra l-konvenuti pro. et noe. ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi nomine, guramentata minn David Jones, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici nomine illi biha eccepixxa:

1. L-att numru II tal-1980 jirregola l-garr ta’ merkanzija bil-bahar, ghal u minn Malta. Skond l-istess ligi, il-poteri fir-rigward huma f’idejn il-Ministru responsabbli ghall-

portijiet. Ghalhekk il-lamenti tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà eccipjenti huma ghal kollox inutli;

2. Kontra l-ewwel domanda, l-esponenti jopponi n-nuqqas ta' relazjoni guridika mas-socjetà attrici;

3. *Dato e non concesso*, li kien hemm xi ghemil 'doluz' kif tipprospetta c-citazzjoni, xorta wahda dan ma jista' qatt jigi attribwit lill-eccipjenti, imma, *se mai*, lil xi persuna fizika;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited, guramentata mill-Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Curmi illi permezz taghha eccepixxa:

1. F'ismu proprju jew fl-interess tieghu personali, huwa, f'din il-vertenza, ma ghamel assolutament xejn. Agixxa dejjem fil-kwalità tieghu ta' Managing Director tas-Sea Malta Company Limited u fl-interess esklussiv taghha;

2. Mas-socjetà attrici, huwa, personalment, la kellu u lanqas ghandu x'jaqsam u ghalhekk m'hemmx kawzali guridikament valida fir-rigward;

3. Ghall-operat tieghu huwa ghandu jirrispondi biss lill-Bord ta' Diretturi tas-società li jservi, u lill-Gvern bhala azzjonista principali indirett tal-istess società;

4. Qatt ma kien doluz fl-operat tieghu u din l-allegazzjoni hija oltraggjuza fil-konfront tieghu;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Joseph Curmi u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Vivian Bianchi f’ismu proprio illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi tal-Artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, u cioè ghall-ewwel eccezzjoni, illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-spejjes stante illi mhux minnu illi l-eccipjenti agixxa abusivament u dolozament jew xerred notizji foloz kontra l-atturi nomine jew b’xi mod ghamel xi haga kontra taghhom. Hija il-ligi u cioè *The Carriage of Goods by Sea (Regulation) Act 1980* li timpedixxi lill-atturi nomine milli igorru merkanzija minn u lejn Malta ghal u minn portijiet tar-Renju Unit, Germanja, Olanda u Belgju;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi it-talbiet attrici huma insostenibbli ukoll ghaliex huwa inkongru u assurd illi wiehed jallega illi il-Gvern ta’ Malta jista’ jigi mgieghel jghamel xi haga li ma iridx u minhabba f’hekk l-attur sofra danni;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Vivian Bianchi f’ismu proprio u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Vivian Bianchi bhala Chairman u in rapprezentanza tas-socjetà Bianchi & Sons Ltd. illi permezz taghha eccepixxa:

1. L-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-agir tal-eccipjent nomine kien regolari u skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-principali tieghu u ghalhekk a terminu tal-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili ma jistgha qatt jigi ritenut responsabbli ghal xi danni li setghu koncepibilment jigu rekati lil haddiehor (*Qui suo iure ututur* [*recte*: *utitur*] *non videtur damnum facere*);

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet t-talba attrici hija insostenibbli ghaliex bazata fuq premessa incongruwa u assurda li l-Gvern ta’ Malta gie mgieghel jghamel xi haga li ma ridtx jghamel u minhabba f’hekk l-attur sofra allegati danni. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michudin bl-ispejjes;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-kontrotalba tal-konvenut Vivian Bianchi nomine illi premezz taghha, wara illi ppremetta illi l-atturi nomine qeghdin jippretendu illi bl-agir allegatament abbusiv u doluz tal-konvenut nomine huwa ftiehem mal-konvenuti l-ohra biex joholqu l-ostakoli kollha possibbli u ikkonfoffaw ma’ ditti marittimi esteri biex jimpedixxu li l-atturi nomine jigu awtorizzati li joperaw linja ta’ servizz marittimu minn u ghal Malta mill-portijiet tar-Renju Unit u tal-Europa ta’ Fuq, b’dan li l-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog din l-Awtorizzazzjoni u fil-fatt ukoll illi xerdu notizzju (*sic*) li jistghu jghamlu hsara lill-kummerc tas-socjetà attrici bi skop ta’ konkorrenza bi ksur tal-Artrikolu 34(1) tal-Kap 13; illi l-premessa illi l-konvenut nomine wahdu u/jew flimkien mal-konvenuti l-ohra setghu ghamlu xi haga li permezz taghha il-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog dik l-Awtorizzazzjoni, hija inkongrua u assurda stante li hu inkoncepibbli li Gvern kwalsiasi jista’ jissokkombi ghad-dettami ta’ xi cittadin jew socjetà kummercjali; illi mhux minnu la li l-konvenut nomine wahdu jew flimkien ma’ ohrajn ghamel xi haga li permezz taghha impedixxa lill-Gvern Malti milli effettivament johrog dik l-Awtorizzazzjoni u lanqas li xerred notizji li setghu ghamlu hsara lill-kummerc tas-socjetà attrici; illi biex l-atturi nomine setghu jigu awtorizzati joperaw linja ta’ servizz marittima minn u ghal Malta mill u ghall-portijiet tar-Renju Unit u tal-Europa ta’ Fuq, hemm bzonn ta’ *Legal Notice* li tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern li sallum ghadha fil-fatt qatt ma giet pubblikata; illi mhux minnu dak li l-atturi nomine qeghdin jallegaw fil-premessi tac-citazzjoni taghhom u cioè li saret kongura u maniggi bejn il-konvenuti kollha li setghu talvolta jikkagunaw xi danni; illi l-azzjoni attrici u il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju ghall-Lm1,000,000 (miljun lira

Maltin) kontra l-esponenti nomine ikkawzaw, qed jikkawzaw u jibqghu jikkawzaw danni ngenti u inkalkolabbli sakemm dawn jigu irtirati li ghalihom l-esponenti nomine qed izomm lill-atturi nomine responsabbli; kif *del resto* già infurmahom l-esponenti kemm bil-kontro-proptest tieghu kif ukoll bil-protest gudizzjarju tieghu tas-16 ta' Dicembru, 1987 fejn zamm ukoll lid-diretturi tas-socjetà attrici personalment responsabbli; illi l-atturi kemm proprio kif ukoll nomine gew mitluba jirtiraw il-proceduri taghhom vessatorji u li jammontaw ghal abbus tal-process legali baqghu inadempjenti; talbu ghaliex, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-Mandat kawtelatorju tal-atturi nomine huwa frivolu vessatorju u abbuz tal-process legali, ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti: (1) tiddikjara lill-atturi nomine responsabbli ghad-danni li qed jigu giornalment kawzati lill-konvenuti nomine b'rizultat tal-agir abbusiv taghhom; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti nomine, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi; (3) tikkundanna lill-atturi nomine sabiex ihallsu lill-konvenuti dik is-somma li jigu hekk likwidati (*sic*) in linea ta' danni; b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-esponenti u bl-imghax legali u bl-ispejjes komprizi dawk tal-kontro-protest u tal-protest gudizzjarju kontra l-atturi nomine ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Vivian Bianchi nomine, guramentata minn Vivian Bianchi, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-atturi nomine ghall-kontrotalba tal-konvenut Vivian Bianchi nomine illi permezz taghha eccepew:

1. Illi in linea preliminari il-kontrotalba hija nulla u irritwali ghax ir-ragunijiet li fuqhom hija bazata mhumiex dawk kontemplati mill-ligi (Kap. 12) fl-art. 396, imma hija bazata fuq l-eventwalità ipotetika li din il-kawza tigi deciza kontra l-atturi nomine. Fi kliem iehor il-kontrotalba qed tigi bazata fuq l-ezitu tac-citazzjoni *ut sic* u mhux "*from the same fact or from the same contract or title giving rise to*

*the claim of the plaintiff*", kif kontemplat fis-subinciz (a) tal-istess artikolu u kjarament ma taqax taht is-sub-inciz (b);

2. Illi subordinatament u fil-mertu it-talbiet komprizi fil-kontrotalba huma insostenibbili, ghax meta l-eccipjenti hargu l-mandat kawtelatorju in kwistjoni huma kienu qed jagixxu fl-ezercizzju pjen tad-drittijiet taghhom biex jikkawtelaw pretensjoni ghad-danni f'ammont sostanzjali, u akbar ma hi s-somma aktar u aktar kien importanti li tigi kawtelata b'sekwestru fic-cirkostanzi;

3. Illi subordinatament skond l-Art. 846(4)(d) is-sekwestrant jista' jkun passibbili ghad-danni, jekk jinstab li "*at the close of the hearing, the plaintiff's claim is found to be groundless in fact or in law*". Fit-test Malti il-kliem hu "<u>jekk fi tmiem is-smigh tal-kawza</u>" jimplika li biex din il-kondizzjoni tavverra ruha, irid ikun hemm gudizzju finali dwar it-talbiet attrici li jkunu sfavorevoli ghall-atturi. Jekk jigri hekk, umbaghad ikun hemm id-dritt tal-konvenut no(min)e li jfittex ghad-danni. Peress li sal-ahhar mument qabel ma tigi pr(on)uncjata s-sentenza finali fuq ic-citazzjoni tal-atturi no(min)e din il-kondizzjoni mhux ser tavverra ruha, il-premessa tal-kontrotalba hija ipotetika u il-kontrotalba hija ghalhekk intempestiva;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni relativa ta' l-atturi nomine, konfermata bil-gurament minn David Jones u minn Alfred Pollacco, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 1993 illi permezz taghha l-allura Qorti Qorti tal-Kummerc iddecidiet hekk:
"1. Tichad it-tielet (3) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited bl-ispejjez konnessi ma' din l-eccezzjoni a kariku tal-istess socjetà konvenuta;

"2. Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut Bianchi f'ismhu proprio - bl-ispejjez konnessi ma' din l-eccezzjoni a kariku tal-istess konvenut;

"3. Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut Bianchi nomine - bl-ispejjez konnessi ma' din l-eccezzjoni a kariku tal-istess konvenut;

"4. Tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti;

"5. Tichad it-talbiet kollha dedotti mill-atturi nomine fic-citazzjoni;

"6. Tordna li l-ispejjez kollha konnessi mal-kawza originali tal-atturi nomine, minbarra dawk li digà gew decizi, jibqghu a kariku tal-atturi nomine;

"7. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-atturi nomine ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Bianchi nomine u konsegwentement tillibera lill-atturi nomine mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut Bianchi nomine;

"8. Tordna li l-ispejjez kollha konnessi mal-kontro talba tal-konvenut Bianchi nomine jibqghu a kariku tal-istess konvenut Bianchi nomine";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"9. <u>L-Att numru II tal-1980</u>

"Illi qabel xejn irid isir accenn ghall-Att numru II ta' l-1980 cioè <u>l-Att li jirregola l-Garr tal-Merkanzija bil-Bahar</u>, li kien japplika fiz-zmien li graw il-fatti li taw lok lil din il-kawza.

"B'dana l-att, it-trasport marittimu tal-merkanzija ma baqax liberu u miftuh ghal kull min ried jidhol ghalih. Bih dan is-[s]ettur sar suggett ghar-regolament tal-Gvern.

"Infatti sar mehtieg il-ksib tal-permess jew approvazzjoni tal-Ministru responsabbli ghall-Port biex wiehed seta' jhott jew jghabbi merkanzija f'Malta <u>minn u lejn certi pajjizi</u>. Fl-24 ta' Ottubru 1980 beda jsehh l-Avviz Legali numru 79 tal-1980, li hareg bis-sahha tal-imsemmi Att, u li specifika l-ismijiet tal-linji tal-bahar (*Shipping Lines*) li kellhom permess li jgorru merkanzija minn Malta ghal jew mill-pajjizi imsemmija fl-istess Avviz. Effettivament gew

krejati tlett *Liner Conferences* bil-barka tal-Gvern Malti. B'hekk, il-linji tal-bahar li ikkostitwewhom, ftehmu kif jirregolaw it-tqassim tal-garr tal-merkanzija (*Cargo sharing agreements*). Jikkoncernaw din il-kawza huma tnejn biss minn dawn it-tlett konferenzi, cioè il-*United Kingdom Mediterranean Container Conference* u il-*Continent Malta Conference*. Bis-sahha tal-konferenza Ingliza, il-kumpanija konvenuta Sea Malta Company Limited (li ghal qosor tibda tissemma bhala 'Sea Malta') inghatat id-dritt li iggorr hamsin fil-mija (50%) tat-traffiku bejn Malta u l-Ingilterra waqt li bis-sahha tal-konferenza tal-kontinent, is-Sea Malta inghatat id-dritt simili ili ig[g]orr 50% tat-traffiku bejn Malta u l-Germanja tal-Punent, l-Olanda u l-Belgju.

"Dawn il-konferenzi kellhom ukoll l-iskop li jikkordinaw u jissalvagwardjaw l-istabilità tas-servizzi marittimi bejn Malta u dawn il-pajjizi, kif ukoll li jistabilixxu u jzommu tariffi remunerattivi ghal-linji partecipanti. Skop iehor kien li tigi eliminata l-kompetizzjoni bejn il-linji membri u li tigi eliminata kwazi ghal kollox il-kompetizzjoni ta' linji ohra li ma kienux membri.

"Ta' min jghid hawn li l-Gvern ta' dak iz-zmien hass il-bzonn li jissanzjona dawn il-*Liner Conferences* bil-legislazzjoni imsemmija, billi kienet ix-xewqa tieghu li jipprotegi u jsahhah ekonomikament il-linja nazzjonali, s-Sea Malta, billi kien evidenti dak iz-zmien, li minghajr dik il-protezzjoni din il-linja ma setghet qatt taqta' d-djun enormi li kellha u wisq anqas taspira li xi darba se taghmel profitti.

"Naturalment, l-att legislattiv Malti in kwistjoni ikkreja *Cartel* bi struttura monopolistika li biha, mhux biss giet protetta s-Sea Malta izda gew agevolati ukoll il-linji barranin tal-konferenza li kienu qeghdin jikkoloboraw mas-Sea Malta. Irrizulta li dawn il-konferenzi kienu strumentali biex is-Sea Malta irnexxielha tvinci id-djun kbar li kellha u biex tissahhah ekonomikament. Beneficcju iehor tal-konferenzi kien li s-Sea Malta kienet qieghda takkwista esperjenza utili fit-thaddim tal-operazzjonijiet marittimi taghha.

"Biex jinghad kollox, irrizulta illi l-*cartel* tal-konferenzi marittimi, li kien qieghed jivvantaggja tant lis-Sea Malta, fl-istess hin kien qieghed jisvantaggja lil-diversi setturi tal-ekonomija maltija. Bil-moghdija taz-zmien, l-oppozizzjoni kontra l-konferenzi kibret tant li fil-mori ta' din il-kawza, din l-iskrittura {*recte*: l-istruttura] monolitika tnehhiet fil-konfront tal-konferenza Ingliza u l-konferenza tal-kontinent tat-tramuntana. Dan sar fil-15 ta' Ottubru 1989 bis-sahha tal-Avviz Legali Numru 113 tal-1989 u b'hekk it-trasport marittimu bejn Malta u l-Ingilterra u l-Germanja tal-Punent, l-Olanda u l-Belgju, rega' gie liberalizzat kif kien qabel is-sena 1980. B'dana l-isvilupp impo[r]tanti kull min ried jopera, minn u ghal dawn il-pajjizi ma kellux aktar bzonn li jottjeni l-approvazzjoni jew il-permess tal-Ministru responsabbli mill-portijiet.

"10. L-applikazzjoni tal-Valfracht u r-reazzjoni favorevoli tal-Prim Ministru.

"Is-socjetà attrici, Valf[r]acht Shipping Company Limited (li ghal qosor sejra tibda tissejjah biss 'Valfracht') xtaqet topera servizz indipendenti regolari ta' trasport fil-bahar ta' merkanzija konvenzjonali u b'*containers* bejn il-kosta tal-Lvant tal-Ingilterra, bejn Antwerp, Rotterdam, Hamburg u Bremen ghal Malta u *vice-versa*.

"Billi isem Valfracht qatt ma kien gie inkluz fil-lista ta' *Authorised Carriers* pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, Valfracht ma setghetx topera servizz bhal dan qabel ma tottjeni l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli ghall-Porti[jiet]. Ghal dan il-ghan, Valfracht talbet lil Gvern Malti, fit-22 ta' Gunju 1985, biex jaghtiha il-permess li topera dan is-servizz ta' linja tal-bahar indipendenti u fiddret [*recte*: fissret] l-intenzjoni taghha li tkopri ukoll portijiet ohra li ma kienux regolati taht [l-]imsemmi Att II tal-1980.

"Irrimarkat ukoll li b'dan is-servizz Valfracht kien bi hsiebha tiggenera xoghol marittimu gdid u inoltre kienet sejra tagevola lill-esportatur Malti. Meta talbet li tinghata permess li topera servizz indipendenti ta' linja tal-bahar, Valfracht riedet tfisser li il-garr tal-merkanzija riedet

taghmlu taht il-bandiera taghha stess u a bazi ta' poloz ta' kariku f'isimha stess.

"Il-Prim' Ministru ta' dak iz-zmien l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici li kien responsabbli wkoll ghall-Portijiet, ikkonsidra favorevolment din l-applikazzjoni ta' Valfracht. Infatti, il-Prim' Ministru wara li akkwista l-informazzjoni li kellu bzonn kieb hekk kik [*recte*: lil] Valfracht fl-24 ta' Awissu 1985:

'*I would like to confirm the intention of the Government of Malta to make the necessary arrangements to enable your Company to operate independent liner shipping services from ports in the U.K., Netherland*[*s*] *Belgium and West Germany to Malta and vice versa under the provisions of the Carriage of Goods by Sea Act, 1980, and for your company to be included in the list of authorised lines to be published in the Government Gazette*.'

"Din l-ittra giet citata testwalment billi hija ikkonsidrata bhala wiehed mill-fatti determinanti li taw lok li[l] din il-kawza. Minn din l-ittra tohrog cara l-intenzjoni tal-Prim' Ministru, bhala kap tal-Gvern Malti, li jaghmel dak kollu necessarju biex jippermetti lil Valfracht topera is-servizz marittimu rikjest minnha u tohrog cara ukoll l-intenzjoni tall-Gvern li jinkludi li[l] Valfracht fil-lista ta' *Authorised carriers* pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern biex b'hekk l-approvazzjoni tal-Gvern Malti tkun manifestata bil-forma rikjesta mill-Att numru II tal-1980.

"Irrizulta li l-Prim' Ministru kellu l-intenzjoni li Valfracht tippartecipa fis-sehem ta' hamsin fil-mija (50%) li s-Sea Malta kellha riservati ghaliha skond il-*Cargo Sharing Agreements* taz-zewg konferenzi li jikkoncernaw din il-kawza. Dan billi is-Sea Malta ma kienitx qieghda ig[g]orr fizikament dan is-sehem kollu rizervat lilha. Minflok kienet qieghdha tutilizza parti minnu biss. Il-kumplament ta' sehemha kien jingarr mill-membri l-ohra tal-konferenza, li talli jaghmlu hekk, kienu ihallsu kumpens lis-Sea Malta li kien ilahhaq madwar Lm120,000 fis-sena.

"Irrizulta li l-Prim' Ministru kien herqan li jizdiedu in-numru ta' bastimenti li jidhlu fil-portijiet ta' Malta ghal ragunijiet ekonomici. Il-Prim' Ministru xtaq ukoll li jiftah linja bejn Malta u Varna, billi dak iz-zmien kien sar trattat mal-Bulgarija bi skop li jizdied il-kummerc bejn iz-zewg pajjizi. Irrizulta wkoll li l-Prim' Ministru ma xtaqx li jisfaxxa l-istruttura monopolistika tal-konferenzi in kwistjoni, izda huwa ried li l-*Cargo Sharing Agreements* jigu riveduti biex jidhlu *carriers* ohra fis-sehem rizervat lis-Sea Malta skond l-*agreements* ezistenti. Dan l-iskop ma kienx difficli li jintlahaq fil-kaz tal-konferenza Ingliza. Invece, fil-kaz tal-konferenza mal-kontinent is-Sea Malta ma kelliex id-dritt li tqabbad *carrier* iehor li kien *Outsider* li jgorr f'isimha merkanzija, minghajr ma tottjeni l-approvazzjoni tal-membri l-ohra tal-konferenza. Irrizulta mix-xhieda tal-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici li l-Gvern Malti ma ghazilx it-triq tal-imposizzjoni billi, kif kellu dritt li jaghmel, jippublika isem Valfracht fuq il-Gazzetta tal-Gvern bhala *authorised Carrier* li topera barra l-konferenzi. Invece l-Gvern xtaq li Valfracht (u possibilment *carriers* ohra) jidhlu jippartecipaw fis-sehem rizervat lis-Sea Malta <u>bil-kunsens tal-membri l-ohra tal-konferenzi</u>. Ghalhekk, il-Gvern deherlu li kien hemm bzonn li ssir revizzjoni tal-*Cargo Sharing agreements* ezistenti biex dan ikun jista' jsir. Ghal dan l-iskop, ic-Chairman u l-General Manager tas-Sea Malta, rispettivament, l-Onorevoli John Borg u l-konvenut Joseph Curmi inghataw l-inkarigu li jiltaqghu mal-linji barranin taz-zewg konferenzi biex jinformawhom bix-xewqa tal-Gvern Malti u biex jaraw kif din ix-xewqa tista' titwettaq.

"11. <u>Ir-rejazzjoni tas-Sea Malta u tal-linji barranin</u>.

"Ta' min jghid hawn li meta l-Prim' Ministru Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, talab il-parir tal-Onorevoli Borg u tal-konvenut Curmi dwar il-*policy* gdida li hu xtaq jadotta, dawn kienu tawh parir kontra (ara fol 380), kienet haga evidenti ghall kulhadd li d-dhul ta' *carriers* ohra kien ifisser biss kompetizzjoni u din bilfors kellha tikkawza riduzzjoni fil-introjtu tas-Sea Malta, u forsi anke t-terminazzjoni tal-kumpens konsiderevoli li s-Sea Malta kienet tircievi mill-linji barranin talli dawn igorru parti mis-sehem rizervat

lilha. Kien hemm ukoll il-possibiltà li jekk il-*carriers* godda ma jzommux l-istess tariffi u nollijiet stabbiliti mill-konferenzi, u minflok, bil-miftuh jew gharr minn taht, jahdmu b'nollijiet irhas, allura l-istess ezistenza tal-konferenzi kienet sejra tkun f'riskju, b'detriment enormi lis-Sea Malta li kien ghad kellha bzonn protezzjoni minhabba li ma kienitx b'sahhitha bizzejjed finanzjarjament.

“L-Onorevoli Prim' Ministru Dottor Carmelo Mifsud Bonnici kien konxju tal-fatt li ma kienx fl-interess tas-Sea Malta li jigu introdotti linji godda (ara fol 395).

“Kien konxju ukoll li l-*policy* l-gdida li ried jaddotta ma kienitx kondiviza mill-Ministru Spiteri li kien responsabbli ghas-Sea Malta (ara fol 387, 388 u fol 394 u fol 432).

“Nonostante l-oppozizzjoni li sab mid-dirigenti tas-Sea Malta, l-Prim' Ministru xehed f'din il-kawza li kien deciz li jwettaq il-pjan tieghu li jdahhal l[i]l Valfracht u *carriers* ohra godda ghaliex deherlu li kien jaqbel aktar ghall-pajjiz. Il-Prim' Ministru xtaq li jizdiedu n-numru ta' bastimenti li jidhlu fil-port ta' Malta billi l-haddiema tal-port kienu qeghdin ibghatu. Inoltre, haseb li dan kien ikun ta' vantagg ghal Malta Drydocks u ghall-esportatur[i] maltin. Huwa xtaq li jkun hemm servizz regolari ta' trasport bil-bahar bejn Malta u Varna [Bulgarija} biex b'hekk ikun jista' jigi agevolat ftehim kummercjali li kien sar f'dak iz-zmien bejn iz-zewg pajjizi. Kien proprju ghalhekk li hu kien issugerixxa lill Varfracht li taghmel arrangamenti ma' linja Bulgara biex topera dan is-servizz bejn Malta u Varna. Valfracht accettat dan is-suggeriment izda irrizervat id-dritt li taghmel arrangamenti anke ma' linji ohra.

“Is-Sea Malta kienet taf li l-Gvern seta' jimponi r-rieda tieghu fuqha. Ghalhekk meta rat li l-Prim' Ministru kien deciz li jimplimenta l-*policy* l-gdida, kontra l-parir li tatu, hija kellha tirrassenja ruhha ghall-bidla.

“Madankollu johrog car mill-provi li ngabru li s-Sea Malta ghamlet li setghet biex, kemm jista' jkun, tipprotegi l-interessi taghha u tassigura li l-arrangamenti tal-konferenzi ma jitkissrux. Ghalhekk, fit-twettiq tal-*policy* l-

gdida, s-Sea Malta ipproponiet lill-Gvern li jigu imposti diversi kondizzjonijiet fuq il-linji l-godda (ara per ezempju l-ittra datata 4 t'Awissu 1985, iffirmata mill-konvenut Curmi, mibghuta lill-Executive Secretary tal-Prim' Ministru b'kopja lil Ministru responsabbli ghas-Sea Malta, li tinsab a fol 747 u 748).

"Similment il-linji barranin tal-konferenzi ma hadux gost bil-*policy* il-gdid li ried jadotta l-Gvern Malti. Però, huma iddikjaraw li kienu lesti li jakkomodaw dik ix-xewqa, *purchè* li jkunu osservati certi kondizzjonijiet. Hawnhekk ikun utili li tigi citata silta mir-rapport li c-Chairman u l-General Manager tas-Sea Malta ghamlu lil Gvern wara t-tahditiet li kellhom mal-linji barranin, fil-bidu ta' Settembru 1985. Kopji tar-rapport intbaghtu lil-Prim' Ministru u l-Ministru Spiteri (ara fol. 787). Dan ir-rapport li jinsab a fol 1855 sa 1864 tal-process, jindika diversi konkluzzjonijiet generali fosthom dawn:-

'1. *The British Lines recognise that Sea Malta has the right to allocate all or part of its share to other carriers but emphasise that such cargoes should be carried under Sea Malta bills of lading and that any carriers loading on behalf of Sea Malta would not offer unfair competition to them on other Mediterranean destinations commonly served.*

2. *The members of the Malta Continent Conference (DNOL/KNSM) are prepared to accommodate Sea Malta's request for the allocation of its share to other carriers provided that:-*

(a) *these will not become full members of the conference but will load only on behalf of Sea Malta using Sea Malta bills of Lading.*

(b) *Sea Malta will remain responsible to DNOL/KNSM vis-à-vis the conference.*

(c) *this agreement will apply only to containers and that conventional cargoes will continue to be shipped on DNOL vessels*'.

"Irrizulta li Valfracht irrizentiet hafna li jkollha imposti fuqha dawk il-kondizzjonijiet li s-Sea Malta u l-linji barranin tal-konferenzi kienu qeghdin jinsistu fuqhom. Ghalhekk, Valfracht ghamlet rapprezentazzjonijiet lill-Prim' Ministru u d-diskussjonijiet bejn il-partijiet ikkoncernati regghu infetthu mill-gdid.

"Fil-frattemp kien hemm zvilupp importanti li ghamilha aktar difficli ghal Valfracht li tibda topera.

"Dana l-izvilupp kien l-introduzzjoni tal-vapur Dwejra fuq is-servizz tal-kontinent da parti tas-Sea Malta, bl-awtorizzazzjoni tal-Ministru Onorevoli Spiteri li kien responsabbli ghas-Sea Malta. Irrizulta li dan il-vapur, qabel kien qieghed jaghmel telf kbir fuq is-servizz tal-Adrijatiku. Is-Sea Malta f'dan l-istadju iddecidiet li twaqqaf dan is-servizz. Ic-chairman, l-Onorevoli John Borg avvicina lill-konvenut Viv[i]an Bianchi li, barra li kien jirraprezenta lill-linji barranin tal-DNOL kien ukoll Direttur tas-Sea Malta.

"L-Onorevoli Borg talbu jottjeni l-ghajnuna tal-principali tieghu biex jinghata xoghol lil dan il-vapur. Id-diffikultà li kienet qieghdha tiffacca s-Sea Malta kienet li hija setghet tutilizza dan il-vapur biex igib il-merkanzija mill-kontinent lejn Malta izda ma setghetx topera servizz vijabbli jekk ma jirnexxilhiex issib merkanzija x'tghabbi fil-vjagg lejn it-tramuntana. Fil-fatt, il-linji barranin rapprezentanti [*recte*: rapprezentati] mill-konvenut Bianchi, accettaw li jghaddu merkanzija taghhom fil-port ta' Salerno biex din titghabba fuq id-Dwejra ghall-vjagg *northbound*. B'hekk, dan il-vapur sab il-kariku li kellu bzonn, beda jahdem u qala' l-flus fejn qabel kien jitlef. Ir-rizultat kien li n-necessità li jidhlu *carriers* ohrajn biex jiehdu t-traffiku rizervat ghas-Sea Malta, ma baqghetx tezisti aktar, billi s-Sea Malta bdiet tghabbi s-sehem kollu taghha tal-50%.

"12. Il-kawza ta' Valfracht

"Irrizulta li r-rieda tal-Prim' Ministru li Valfracht topera servizz marittimu mill-Infilterra u l-portijiet tal-Ewropa ta'

fuq ghal-Malta u *vice versa* ma sehhitx. Il-Prim' Ministru ta' dak iz-zmien l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, stqarr fl-ittra tieghu datata 29 ta' Ottubru 1987 (ara fol. 14) li dan gara minhabba li s-Sea Malta qanqlet oggezzjoni wara l-ohra.

"Valfracht tippretendi li minhabba li giet ostakolata li topera l-imsemmi servizz marittimu u baqghet eskluza hija sofriet danni li jammontaw <u>ghal maddwar zewg miljuni liri sterlini</u> (ara fol 366 u 485). Hija ghamlet din il-kawza biex tigi risarcita ghad-danni li sofriet. Valfracht qeghda tallega li l-konvenuti cioè s-Sea Malta u Joseph Curmi personalment flimkien mas-socjetà Bianchi & Sons Limited u Vivian Bianchi personalment ikkonfoffaw bejniethom u ma' linji [e]steri b'mod li dolozament holqu l-ostakoli kollha possibli u b'hekk li l-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog l-awtorizzazzjoni lil Valfracht li topera l-imsemmija linja marittima. Valfracht qieghdha tallega ukoll li l-konvenuti xerrdu notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-kummerc tas-socjetà attrici, bi skop ta' konkorrenza bi ksur tal-Artikolu 34(1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13). Valfracht qieghdha tippretendi li l-konvenuti huma responsabbli *in solidum* u ghalhekk qieghdha titlob li l-istess konvenuti ikunu ikkundannati li jhallsu d-danni li tillikwida din il-Qorti.

"Il-konvenuti separatament opponew dawn il-pretensjonijiet ta' Valfracht. Fil-meritu huma sostnew, fil-qosor, li ma ghamlu l-ebda kongura be[j]niethom u dak li ghamlu, kellhom dritt jaghmluh biex jipprotegu l-interessi taghhom.

"Dawn l-eccezzjonijiet fil-meritu u li verament jolqtu fil-laham il-haj tal-kawza, huma r-raba' (4) eccezzjoni tal-konvenut Curmi u t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Bianchi kemm proprio u kemm ukoll nomine.

"Il-Qorti tahseb li dawn l-eccezzjonijiet fil-mertu iridu jigu investigati u decizi qabel l-eccezzjonijiet l-ohrajn.

"Minbarra t-tielet eccezzjoni tas-Sea Malta u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Bianchi.

“Dana billi jidher li l-meritu huwa inxindibbli mill-kwistjonijiet sollevati fl-eccezzjonijiet ohrajn tal-konvenuti. Ghalhekk mhux biss huwa opportun, izda essenzjali li l-Qorti tinvesti l-meritu sabiex dawn l-eccezzjonijiet ma jigux evalwati b’mod astratt izda invece jigu konsiderati b’riferenza ghal kif jigi definit l-operat tal-konvenuti cioè jekk dan kienx wiehed legalment korrett jew kienx wiehed doluz. La darba dan il-punt, li jifforma il-meritu l-aktar baziku fil-kawza ikun deciz, allura s-sitwazzjoni issir kristallizzata u s-soluzzjoni tal-aspett legali involut fl-istess eccezzjonijiet tigi facilitata. Izda qabel ma tikkonsidra l-meritu tal-kawza, jidher opportun li l-Qorti tinvestiga u tiddeciedi z-zewg eccezzjonijiet li ssemmew u li ma humiex daqshekk dipendenti fuq il-meritu cioè l-kwistjoni tal-preskrizzjoni u l-kwistjoni jekk socjetà bhas-Sea Malta tistax tikkommetti ghemil doluz civilment.

“13. <u>L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>

“Il-konvenut Bianchi kemm proprio u kemm nomine, issottometta bit-tieni eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili:

‘L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn’.

“L-azzjoni ta’ Valfracht hija wahda dwar rizarciment ta’ danni jew hsarat li tallega li soffriet minhabba agir abuziv u doluz konsistenti principalment f’kongura bejn il-konvenuti intiza biex timpediha milli topera l-linja marittima indipendenti li ghaliha digà kienet akkwistat il-barka tal-Gvern. Valfracht tallega li minhabba l-agir doluz tal-konvenuti ‘il-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog’ l-awtorizzazzjoni lil Valfracht biex hija tkun tista’ topera din il-linja.

“Irrizulta li fil-15 ta’ Settembru 1987 l-atturi nomine ipprezentaw protest gudizzjarju kontra l-konvenuti, waqt li l-odjerna kawza giet intavolata fis-7 ta’ Dicembru 1987.

"Evidentement biex din l-azzjoni titqies preskritta trid issir prova li l-allegat agir abbuzi[v] u doluz ta' Bianchi proprio u nomine waqaf qabel il-15 ta' Settembru, 1985, cioè sentejn qabel l-imsemmi protest.

"Valfracht ibbazat hafna fuq it-*telex* li l-konvenut Bianchi baghat lill-principali tieghu fl-24 ta' Awissu 1985. Valfracht sostniet li dan it-*telex* jikkostitwixxi prova tal-kongura allegata minnha. Però Valfracht sostniet ukoll li dan it-*telex* jindika d-data meta l-kongura bdiet izda ma kienx ifisser li l-istess kongura intemmet ma' dak it-*telex*.

"Valfracht res[s]qet provi ohra inkluza korrispondenza ohra ta' Bianchi stess biex turi li l-allegat ftehim u rezistenza sistematika biex ma ssehhx ix-xewqa tal-Prim' Ministru li Valfracht tigi awtorizzata topera, kompliet, u ma waqfet xejn sas-sena 1987.

"Irrizulta bhala fatt li l-operat ta' Bianchi u Curmi li minnha tillamenta Valfracht estenda fuq perjodu pjuttost twil ta' zmien. Certament ma waqafx fil-15 ta' Settembru 1985 u salv li l-istess operat irid jigi aktar tard valutat biex jigi stabbilit jekk kienx wiehed legittimu jew wiehed doluz, ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tirrizultax fondata u ghalhekk ghandha tigi michuda.

"14. <u>It-tielet eccezzjoni tas-Sea Malta</u>

"Is-Sea Malta sostniet li *dato e non concesso* li kien hemm xi ghemil 'doluz' kif tiprospetta c-citazzjoni xorta wahda dan ma jista' qatt jigi attribwit lil eccipjenti, imma, *se mai*, lil xi persuna fizika. Id-difensur tas-Sea Malta ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni u l-Qorti fehmet li ma kienitx qieghda ssir insistenza fuqha. Izda, la din l-eccezzjoni ma gietx rinunzjata, sejjer ikun hemm bzonn li tigi investigata u deciza.

"Il-legislatur Malti illegisla dwar il-konsegwenzi ta' reat kriminali li jsir minn socjetà, fl-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). Izda ma jidhirx illi fil-ligi Maltija hemm disposizzjoni *ad hoc* li tirregola l-kwistjoni

tar-rsponsabiltà *o meno* ta' socjetà derivanti mit-twettiq ta' delitt civili. Ghalhekk ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni involuta fit-tielet eccezzjoni tas-Sea Malta jinhtieg li ssir referenza ghal xi teoriji dottrinali in materja.

"Fit-test *__The Principles of Modern Company Law__* ta' L.C.B. Gower (*3rd Edition* f'pagna 96 *et seq*) jinghad hekk:

'*The extent [if any] to which the __ultra vires__ rule applies to torts and crimes is one of the most popular topics of academic discussions, but surprisingly enough, it is one which rarely causes difficulty in practice and in consequence it can be disposed of comparatively briefly. There are three main theories in this regard:-*

*1. That because of the __ultra vires__ rule no corporation can be liable for a tort or crime. Logically, a strong case can be made out in support of this theory … But despite logic and despite dicta in some of the earlier cases, it is abundantly clear that this is __not__ the law for companies are daily made liable in tort and convicted of crime. Indeed, if it were otherwise it is difficult to see how any unlawful act [even a breach of contract] could ever be imputed to a company.*

*2. That the __ultra vires__ doctrine has no application except to contract and property and never applies to tortuous or criminal liability. This is the view taken by the overwhelming majority of academic writers …*

*3. That companies can be liable in tort and crime but only if these are committed in the course of the __intra vires__ activities … In principle this seems to be the soundest view. A Company may be liable for torts or crimes committed in pursuance of its stated objects but should not be liable for acts entirely outside its objects.*'

"Din il-Qorti ikkunsidrat bir-reqqa dawn it-tlett possibiltajiet u waslet ghall-konkluzjoni li t-tielet wahda toffri l-aktar soluzzjoni ekwa u gusta ghal kwistjoni li qieghda tigi investi[g]ata. Ghalhekk jidhrila li ghandha tadottaha,

anke ghaliex din is-soluzzjoni ma tidhirx li hija ripunjanti ghall-ligi taghna in materja.

“Illi f’din il-kawza s-Sea Malta ma [a]llegatx u wisq anqas ipprovat li d-diretturi w id-dirigenti ta[g]hha operaw barra l-limiti tal-awtorità moghtija lilhom jew b’xi mod marru kontra xi decizjoni tal-Bord tad-Diretturi. Fost dawn id-dirigenti hemm bhala protagonista l-konvenut Curmi, li dejjem jidher li agixxa *entro* l-poteri tieghu ta’ General Manager. Jirrizulta ukoll li f’kull pass importanti li kien jaghmel kien jgharraf bih, bil-miktub, lis-superjuri tieghu. Kwindi din il-Qorti jidrilha li jekk jirrizulta li l-imsemmi konvenut seta’ agixxa b’xi mod ‘doluz’, kif qieghda tallega Valfracht, waqt li kien qieghed jaqdi dawn id-doveri tieghu ta’ ufficjal tal-kumpanija, l-istess kumpanija trid tirrispondi ghall-konsegwenzi billi certament il-konvenut Curmi kien qieghed jagixxi fil-kors ta’ attività *intra vires* tal-kumpanija. S’intendi, jekk din l-ipotesi ta’ Valfracht tigi sostanzjata, allura mhux eskluz li l-konvenut Curmi ikun ukoll personalment responsabbli ghall-konsegwenzi derivanti mill-istess ipotesi.

“Konsegwentement it-tielet eccezzjoni tal-kumpanija Sea Malta ma tistax tigi milqugha.

“15. Il-bazi legali tal-azzjoni attrici

“Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-eccezzjonijiet fil-meritu, jidher xieraq li tigi analizzata sewwa l-kwistjoni tal-bazi legali tal-azzjoni attrici. Dan ghandu jsir billi fit-trattazzjoni orali id-difensuri tal-konvenuti issottomettew li l-azzjoni ta’ Valfracht ma ghandha ebda fondament fis-sistema legali Malti.

“A. Il-Koncett tal-Kongura Civili

“Id-difensur tal-atturi nomine, fit-trattazzjoni orali, iddikjara li l-azzjoni odjerna hija bazata fuq dik li bl-Ingliz tissejjah *Conspiracy* li giet definita bhala ftehim bejn negozjanti biex bl-agir taghhom jippregudikaw in-negozju ta’ konkorrent.

"Illi mir-ricerki li din il-Qorti ghamlet dwar l-istitut tal-*Conspiracy* fil-ligi Ingliza jirrizulta li:

'*A Conspiracy consists …, in the agreement of two or more to do an unlawful act by unlawful means*' (*Mulcahy VR [1868] L.R. 3HL. 306* f'pagna 317 *per Willis J*).

"L-iskop veru tal-*conspiracy* hu:-

'*The inflicting of damage … as distinguished from serving the bona fide and legitimate interests of those who so combine*.' (*Crofter Hand Woven Harris Tweed Co*. *v. Veitch [1942] A.C. 435* f'pagna 443 *per Viscount Simon L.C.*)

"F'din is-sentenza Ingliza jinghad ukoll, f'pagna 441-442 hekk:

'*A combination of two or more persons wilfully to injure a man in his trade in unlawful and, if it results in damage to him, is actionable. If the real purpose of the combination is, not to injure another, but to forward or defend the trade of those who enter into it, then no wrong is committed and no action will lie, although damage to another ensues*'.

"Meta l-persuni li jiftehmu flimkien ma jikkommettu ebda att kontra l-ligi, jista' jkun li jkun hemm il-figura ta' *Conspiracy to injure*. Hawnhekk hija importanti hafna d-distinzjoni:

'*between the case where the object is the legitimate benefit of the combiners and the case where the object is deliberate damage without any … just cause*' (*ibid*., f'pagna 469 *per Lord Wright*). Huwa ikkonsidrat bhala skop legittimu li jsir ftehim ghas-salvagwardja tan-negozju jew tal-interessi kummercjali tal-persuni li jifformaw il-ftehim. Fil-kaz *Mogul Steamship Co v. Mc.Gregor, Gow & Co. (1892) A.C. 25*, il-konvenuti kienu numru ta' sidien tal-bastimenti. Huma inghaqdu u ftehmu li jbaxxu n-nollijiet ghal-livell li ma kienx remunerattiv ghalihom u dana biex jaqtghu min-negozju lill-atturi, li kienu sidien ta' vapuri li jahdmu fl-istess portijiet bhala [*recte*: bhall-]

konvenuti. Din l-azzjoni, li ittiehdet minnhom biex jipprotegu l-interessi kummercjali taghhom, u mhux semplicement biex jirrekaw hsara lill-atturi, itqieset mill-Qorti Ingliza bhala azzjoni legittima. Fil-*Crofters Case* fuq citat, gie ikkonsidrat il-kaz meta ikun hemm aktar minn skop wiehed: '*liability must depend on ascertaining the predominant purpose. If that predominant purpose is to damage another person and damage results that is tortious conspiracy. If the predominant purpose is the lawful protection or promotion of any lawful interests of the combiners (no illegal means being employed) it is not a tortious conspiracy even though it causes damage to another person*' (*per Simon L.C.* f'pagna 445).

"Illi l-koncett tal-*conspiracy* ingliza ma jiffigurax fid-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc taghna rigwardanti il-limiti tal-konkorrenza bejn kummercjanti (Artikolu 32 sa 37 tal-Kap 13). La darba il-legislatur Malti ma inkludiex il-koncett f'dawn id-disposizzjonijiet specjali, din il-Qorti ma tistax tipprova timla din il-lakuna b'xi interpretazzjoni wiesgha ta' dawn id-disposizzjonijiet billi hija gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, li l-istess disposizzjonijiet ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Madankollu, fis-sistema legali taghna, m'hux eskluz illi jistghu jirrikorru kazijiet ohra ta' konkorrenza sleali. Infatti din il-Qorti tikkondividi pjenament il-kumment maghmul f'dan is-sens mill-mibki Professur Felic Cremona fin-notamenti tieghu dwar il-Kodici tal-Kummerc (ara pagna 143):-

'*But on the other hand this does not mean that we may not come across other cases of unlawful competition, which may either derive from other sections of the law or from contractual obligations freely entered into between the parties concerned*'.

"Fil-fehma tal-Qorti, il-koncett baziku tal-kongura (numru ta' kummercjanti, li bi pjan konkordat bejniethom jadoperaw mezzi illeciti li jikkawzaw danni lil kummercjant iehor) jista' appuntu jifforma parti mis-sistema legali taghna *tramite* id-dispo[si]zzjonijiet wieghsejn tal-Kodici

Civili dwar id-delitti w il-kwazi delitti (Artikolu 1029 *et seq* tal-Kap 16).

“Irid jigi enfasizzat hawnhekk, illi l-ligi civili taghna ma tissanzjonix biss dawk il-kazi evidenti ta’ danni derivanti minn *dolo* jew *culpa* fil-qadi ta’ dmir impost mill-ligi, izda tissanzjona wkoll, fl-Artikolu 1030, l-abbuz ta’ dritt proprju:

‘Kull min jaghmel uzu ta’ jedd tieghu fil-qies li jmiss [ma] jwegibx ghall-hsara li tigri b’dan l-uzu.’

“Bhala korollarju, johrog minn din id-disposizzjoni il-principju li ‘kull min jaghmel uzu ta’ jedd tieghu mhux fil-qies li jmiss, iwiegeb ghall-hsara li tigri b’dana l-uzu.’ Kif jghid il-Professur Cremona (*ibid*., f’pagna 142-143):-

‘*But when a person makes use of a right not within the proper limits, when he is at fault, when he abuses of his rights, then he is liable for any consequences deriving from that fact*’.

“L-allegazzjoni u l-bazi principali ta’ Valfracht f’din il-kawza hija precizament li l-konvenuti oltrepassaw il-limiti tad-dritt taghhom li jissalvagwardjaw l-interessi kummercjali taghhom u b’*dolo* ikkawzaw danni ingenti lil Valfracht.

“Il-prova adegwata ta’ din l-allegazzjoni tinkombi certament fuq Valfracht. Però, jekk din l-allegazzjoni tigi sodisfacentement provata allura din il-Qorti, kontrarjament ghal kif argumentaw id-difensuri tal-konvenuti, tahseb li l-principji generali tal-ligi civili dwar id-delitt jew kwazi delitt civili huma sufficjenti biex jipprovdu bazi legali u rimedji opportuni ghall-lanjanza ta’ Valfracht.

“B. Konkorrenza zleali skond l-Artikolu 34(1) Kap 13

“L-azzjoni odjerna ta’ Valfracht hija espressament bazata ukoll fuq l-Artikolu 34(1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) li jghid hekk:

‘Il-kummercjanti ma jistghux ghal skop ta’ konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta’ kummercjanti ohra’.

“Biex jirrikorri dan it-tip ta’ konkorrenza zleali huwa essenzjali li ssir il-prova li n-notizji jixterrdu b’intenzjoni specifika li ssir hsara lin-negozju tal-konkorrent. In-notizzji jinhtieg li jkunu ta’ natura u entità tali li jkunu kapaci li jaghmlu l-hsara, izda ma huwuex essenzjali li n-notizji jkunu foloz. Infatti, anke it-tixrid ta’ fatti veri jistghu jammontaw ghal konkorrenza zleali jekk ikun jirrizulta li [t-]tixrid taghhom sar bl-intenzjoni specifika li ssir hsara lill-haddiehor. Ara Koll. Vol. XXXVIII-III-741, Kollez. Vol XXXIX-I-1482).

“Gie deciz ukoll (ara Kollez. Vol. XXVII-III-348) li it-tixrid ta’ notizzji ta’ natura generali ma humiex sufficjenti biex jirradikaw dan it-tip ta’ konkorrenza zleali izda hemm bzonn li in-notizzji ikunu jikkoncernaw specifikatament in-negozju ta’ haddiehor. ‘*Quando il convenuto … avesse elogiato la sua merce dicendo che era superiore in qualità alle altre merci … in paese, e si fosse limitato ad asserzioni generali forse non si sarebbe potuto riscontrare alcuna colpa nel citato. Ma quando il citato … denigrava la merce altrui, egli commetteva una concorrenza illecita ed il suo agire lo rende passibile di danni*’.

“Meta kummercjant jinstab hati ta’ konkorrenza zleali simili, huwa jsir soggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet, jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali, li tigi stabbilita mill-Qorti tal-Kummerc fil-limiti stabbiliti mill-ligi.

“16. L-eccezzjonijiet fil-meritu.

“Imiss issa li jigu kunsiderati l-eccezzjonijiet, li kif digià intqal jolqtu fil-laham il-haj tal-kawza. Valfracht qieghdha takkuza lill-konvenuti b’ghemil doluz u abusiv li ikkawzalha hsara. Il-konvenuti qieghdin jikkontestaw din il-pretensjoni u qieghdin isostnu li l-operat taghhom kien dejjem legittimu. Il-konvenut Curmi issottometta hekk fir-raba’ eccezzjoni:-

‘Qatt ma kien doluz bl-operat tieghu u din l-allegazzjoni hija oltraggjuza fil-konfront tieghu’. It-tieni eccezzjoni tal-konvenut Bianchi proprio taqra hekk:-

‘Mhux minnu illi l-esponenti agixxa abusivament u dolozament jew xerred notizji foloz kontra l-atturi nomine jew b’xi mod iehor ghamel xi haga kontra taghhom’. Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut Bianchi ghan-nom tas-socjetà konvenuta Bianchi & Sons Limited ikkontesta hekk:

‘L-agir tal-eccipjent nomine kien regolari u skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-principali tieghu u ghalhekk *ai termini* tal-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili ma jista’ qatt jigi ritenut responsabbli ghal xi danni li setghu koncepibilment jigu rekati lil haddiehor’.

“Id-difensur ta’ Valfracht issottometta illi l-azzjoni attrici hija bazata, fuq nahha wahda, fuq id-direttiva tal-Prim’ Ministru li l-*Cargo Sharing agreements* jigu riveduti biex Valfracht tibda topera fis-sehem riservat lis-Sea Malta, u fuq in-nahha l-ohra, fuq l-isforsi li saru mill-konvenuti proprio u nomine biex dan ma jsirx. L-istess difensur spjega kif l-ewwel sar inkontru bejn ic-Chairman u l-General Manager tas-Sea Malta u l-konvenut Bianchi fejn gie deciz x’ghandu jsir. L-ghada, fis-27 ta’ Awissu 1985, il-konvenut Bianchi baghat it-*telex* dok D lill-principali tieghu. Skond id-difensur ta’ Valfracht b’dan it-*telex* Bianchi qajjem allarizmu kbir. Minflok ma qal li ser jidhlu Valfracht, qal li se jidhlu l-Bulgari, ‘u ta suggerimenti jekk mhux direttivi lill-principali tieghu biex dawn jaghmlu … bsaten fir-roti biex meta jitla’ r-rapprezentant tas-Sea Malta … biex jara x’jista’ jsir, jipprezentawlu front solidu u negattiv halli anke jekk irid … isibha tant difficli li jkollu jmur lura ghand il-Prim’ Ministru u jghidlu ‘Isma’, hemmhekk ma nistghu naghmlu xejn …’ Jidher car li s-Sur Bianchi ipprofitta ruhu mill-kappell li kellu bhala direttur tas-Sea Malta biex sar jaf b’din il-proposta tal-Prim’ Ministru, minnufih libes il-kappell l-iehor u ghamel anke suggerimenti li jmorru anke kontra s-Sea Malta f’certi *telexes* minnhom, basta jorganizza front, jimmobilizza front kontra din il-proposta.’ Id-difensur ta’ Valfracht

insista li l-oggezzjonijiet li jidhru fit-*telex* ta’ Bianchi ma kienux ta’ Bianchi biss izda tqajjmu wkoll mid-dirigenti tas-Sea Malta sabiex ikunu utilizzati mil-linji barranin. B’hekk l-oggezzjonijiet li fil-fatt kienu tas-Sea Malta jigu murija lill-Prim’ Ministru bhala oggezzjonijiet tal-linji barranin u ix-xewqa tal-Prim’ Ministru ma issehhx u konsegwentement l-interessi kummercjali tas-Sea Malta u ta’ Bianchi Group of Companies jibqghu bla mittiefsa. Gie sottomess ukoll li l-konvenuti kellhom dritt jissalvagwardjaw l-interessi kummercjali taghhom, izda ma kellhomx id-dritt li jmorru kontra il-mandat li tahom il-Gvern. Dan jghodd ukoll ghall-konvenut Bianchi billi hu kien ukoll Direttur tas-Sea Malta u bhala tali kien obbligat li jwettaq ir-rieda tal-Gvern, mhux jara kif jaghmel biex ta’ Valfracht argumenta [*sic*] illi l-konvenut Curmi hu responsabbli ghaliex oltrepassa id-drittijiet tieghu meta ta pariri hziena lil Gvern, biex ir-rieda tal-Gvern ma titwettaqx. Hekk kien zbaljat meta ta parir lil Prim’ Ministru li Valfracht ma kienitx *bona fide Shipping line* billi kellha hsieb biss li topera permezz ta’ *slotcharters,* b’poloz tal-kariku taghha u ma kellhiex vapuri taghha jew *chartered* maghha.

“Huwa opportun f’dan l-istadju li l-Qorti taghti daqqa t’ghajn pjuttost dettaljata lit-*telexes* tal-konvenut Bianchi li gew ezebiti mill-atturi mac-citazzjoni, billi dawn jikkontjenu dawk l-elementi principali li Valfracht sejjhet bhala ‘bsaten fir-roti’ biex ir-rieda tal-Gvern tigi frustrata. It-*telex* tas-27 ta’ Awissu 1985 jikkontjeni l-idejat li gew skambjati fl-inkontru li sar il-gurnata ta’ qabel bejnu u bejn ic-Chairman tas-Sea Malta John Borg u l-Managing Director, il-konvenut Curmi. Irrizulta minn provi ohra li tressqu (ara per ezempju x-xhieda tal-Onorevoli John Borg) li l-konvenut [*recte*: kontenut] tat-*telex* jirrispekja fedelment dak li gie diskuss fl-imsemmi inkontru. Dana l-punt jikkonferma t-tezi ta’ Valfracht li bejn dawn it-tlett persuni li hadu sehem fl-inkontru cioè Borg, Curmi u Bianchi, effettivament sar pjan konkordat ta’ azzjoni biex jirrinfaccjaw il-*policy* l-gdida tal-Prim’ Ministru. Però din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi ta’ Valfracht li dan il-pjan sar bi skop ewlieni u bl-intenzjoni li ssir hsara lil Valfracht. Invece din il-Qorti hija sufficjentement sodisfatta li dak li gie ippjanat li jsir, sar unikament jew almenu principalment

biex titnaqqas kemm jista' jkun il-hsara li kienet tidher li sejra ssir lin-negozju rispettiv taghhom bid-dhul ta' *carriers* godda. Dak it-*telex* jelenka l-kondizzjonijiet li gew eskogitati bhala necessarji biex, kemm jista' jkun jinzamm l-i*status quo* u biex, jekk jidhlu *carriers* godda, dawn, kemm jista' jkun ma jfixklux l-andament u l-iskop tal-konferenzi. Inoltre, dak it-*telex* jaghti hjiel li bejn dawn it-tlett persuni digà kien sar tentattiv serju ta' kif, tattikament, ghandhom jimxu biex l-interessi kummercjali li kienu jirraprezentaw, ikunu kemm jista' jkun salvagwardati.

"Wiehed jinnota li fit-*telex* ma saret l-ebda riferenza ghal Valfracht izda ghal Bulgari: '*Although the Malta Government wishes Sea Malta to arrange the carriage of its 50% share by other lines not presently conference partners, the imposition so far exists only in respect of the Bulgarians*'.

"Fl-istess *telex* saret riferenza ghal linji ohra bhal EMCOL, NEDLLOYDD u l-linji Pollakki. Issa Valfracht, kif digà gie accennat qabel, sostniet li l-fatt li kienu jissemmew l-Bulgari u mhux Valfracht mal-linji barranin, kien intiz biex jikkreja allarm u b'hekk issir hsara lil Valfracht bit-tixrid ta' notizzji foloz. Din il-Qorti gharblet sew[w]a l-provi li tressqu fuq dan il-punt u kkonkludiet li ma tistax tikkondividi din l-opinjoni ta' Valfracht. Irrizulta li l-konvenut Bianchi qatt ma semma b'isimha lis-socjetà Valfracht. Anzi, fix-xhieda tieghu stqarr (ara fol 1990) li qatt ma haseb fiha, ghaliex ghalih u ghal hafna ohra, din is-socjetà ma kienitx tikkwalifika bhala *Shipping line* u ghalhekk 'ma kienx element li seta' jigi kkunsidrat f'dawn ic-cirkostanzi' (fol 1991). L-argument ta' Bianchi huwa li min jghabbi b'poloz tal-karigu tieghu tramite *slot charters* u minghajr ma jkollu l-proprjetà jew in-nollegg tal-vapur, ma jistax jitqies *Shipping Line* izda jitqies li qieghed jaghti *Shipping Service*. Sar enfasi ukoll fuq il-mezzi limitatissimi ta' Valfracht (li giet deskritta bhala *brass plate Company*), kemm ghal dak li huwa kapital, u kemm ukoll ghal dak li jirrigwardja impjegati u risorsi ohra necessarji ghat-thaddim ta' *Shipping Line*. Valfracht irribattiet li kellha mezzi sufficjenti biex tahdem bhala *Shipping Line*. Din il-kwistjoni giet dibattuta hafna f'din il-kawza. Din il-

Qorti jidrilha li dak li hu importanti ghal din il-kawza mhuwiex dak li l-konvenuti gew [*recte*: jew] l-istess Qorti tahseb li kien l-i*status* oggettiv ta' Valfracht, cioè kientix verament *bona fide Shipping Line* jew le. Ghall-kuntraju, kien jorbot u jholl *in fin dei conti*, dak li, tajjeb jew hazin, kien jahseb fuq il-kwistjoni u li iddecieda l-Prim' Ministru ta' dak iz-zmien. Huwa rilevanti li fil-*letter of intent* tal-24 t'Awissu 1985, l-Onorevoli Mifsud Bonnici iddikjara li l-Gvern ta' Malta kellu l-intenzjoni li jinkludi lil Valfracht fil-lista ta' linji tal-bahar awtorizzati ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan jindika kjarament li s-socjetà attrici kienet qieghdha tigi kunsidrata dak iz-zmien mill-Gvern bhala *Shipping Line* ghaliex diversament ma setghetx tigi elenkata f'dik il-lista. Il-fatt li dan ma sarx, ma jistax jigi interpretat bhala li l-Ministru responsabbli ghall-portijiet biddel fehemtu, billi x-xhieda li ta l-Onorevoli Mifsud Bonnici f'din il-kawza ma tikkorroborax dan it-tezi. Din il-Qorti ma jidrilhiex li meta l-konvenut Bianchi semma l-Bulgarija bhala li kienu interessati li jidhlu fil-kummerc marittimu in kwistjoni, dan sar biex issir hsara lil Valfracht. Dan il-kumment huwa validu ukoll fil-konfront tal-konvenut Curmi. Irrizulta li kien l-istess Prim' Ministru li ried li tinfetah linja bejn Varna u Malta sabiex it-trattat kummercjali li kien intlahaq bejn iz-zewg pajjizi dak iz-zmien ikun jista' jigi attwat b'aktar facilità. Ghal dan l-iskop, kienu gew rapprezentant tal-linji Bulgari u anke tal-Gvern Bulgaru u anke l-istess Valfracht kienet hadet parti f'xi tahdidiet. Ma hemm l-ebda dubbju li l-Prim' Ministru ried jara l-vapuri tal-Bulgari ukoll fil-port ta' Malta. Apparti hafna provi, li hemm fil-process f'dan is-sens tista' ssir riferenza ghall-ittra tal-Prim' Ministru tat-13 ta' Awissu 1985 lill-Ministru Spiteri fejn *inter alia* jinghad: 'Tkellimt ma' Joe Curmi u John Borg tas-Sea Malta u ssugerejtilhom nsibu mezz taht il-ftehim li ghand[n]a halli ndahhlu aktar linji tal-vapuri, <u>fosthom tal-Bulgari</u> (sottolinejar tal-Qorti) biex tigi utilizzata l-kwota ta' 50% rizervati ghalina' (ara fol. 2139).

"Ta' min jirrileva inoltre li meta Dott. Mifsud Bonnici xehed (a fol 1085) huwa espressament qal li jekk il-konvenut Curmi meta mar jinnegozja r-revizjoni tal-*Cargo Sharing*

*Agreements* semma lil Bulgari, dan ma kellux jigi interpretat bhala ksur tad-direttivi li kien tah.

“Punt iehor li johrog mit-*telex* tal-konvenut Bianchi tas-27 ta’ Awissu 1985 (a fol 10 tal-process) huwa s-suggeriment lill-principali tieghu li jekk jidhlu *Carriers* godda ghandha ssir insistenza:-

‘*that new comers load under their Sea Malta Flag and Bills of Lading … It’s important you also strongly insist on this point since I have argued:-*

*A. That you are extremely reluctant to be forced to deal with outsider lines which have been always hostile to you*

*B. Some of these cannot be trusted so that if Sea Malta wants them in, then Sea Malta will be responsible towards the existing transitional members of the conference for any undercutting of rates and abuse of percentage as may occur.*

*Your insistence on these two points will assist Sea Malta to defend its own position with the Malta Government who in turn will have to tell the Bulgars that they can lift Cargo to Malta but this under Sea Malta’s wings*’.

“Din l-ahhar parti ta’ din is-silta tikkorrobora it-tezi ta’ Valfracht li bejn il-konvenut[i] kien hemm ftehim li apparentament ghandu s-sembjanza ta’ kolluzjoni. Però, jekk din is-silta tigi evalwata fil-kontest tal-ftehim *Continent Malta Conference* tad-19 ta’ Jannar 1981 irid jinghad li kolluzjoni vera u propja ma kienx hemm ghaliex il-proposta in kwistjoni fiha infisha ma kienitx wahda doluza anzi tidher li kienet taghmel sens kemm mill-lat kummercjali u kemm ukoll mill-lat strategiku. Infatti, kieku riedu, il-linji barranin setghu jisservew bil-ftehim imsemmi biex jaghlqu l-bieb f’wicc il-Gvern Malti billi jinsistu li dak il-ftehim kien jorbot, kif kien, liz-zewg nahat u kellu jigi osservat. B’hekk, kienu jigu eskluzi *carriers* godda. Evidentement azzjoni bhal din kienet turta, l-Gvern Malti u tattikament ma kienetx prattikabbli. Allura saret il-proposta li *carriers* godda jithallew jghabbu fil-kwota tas-

Sea Malta, però bil-kondizzjoni li dawn jghabbu tramite *bills of lading* tas-Sea Malta. Din ma kienetx kondizzjoni kapriccuza jew wahda frivola jew vessatorja, izda kienet wahda li kemm is-Sea Malta u kemm il-linji barranin setghu legittimament jipproponu biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom. L-istess *telex* jindika xi ragunijiet ghaliex kienet qieghda ssir insistenza fuq din il-kundizzjoni.

“Irrizulta (ara fol. 779 u 780) li s-Sea Malta stess kienet ghamlet ftehim ma’ linja tal-bahar rinomata Ingliza cioè l-Gracechurch li din tghabbi tramite *Bills of Lading* tas-Sea Malta. Valfracht qatt ma riedet taccetta kondizzjoni simili x’aktarx ghaliex irragunat li, la darba kellha r-rih fil-qala’ mill-Gvern, dan ma kienx ikun fl-interess taghha. Madankollu, jirrizulta sodisfacentement lill-Qorti li l-kondizzjoni proposta ma saritx biex issir hsara lil Valfracht, izda jidher li saret sabiex ikunu mharsa l-interessi kummercjali tal-linji tal-konferenza, fosthom tas-Sea Malta.

“Din il-proposta kienet segwita minn diversi proposti ohra fosthom dawn:-

(a) Li parti mis-sehem li ma ggorx is-Sea Malta ghandu, fl-ewwel lok, jigi offrut lill-membri ezistenti tal-konferenza;

(b) Li linji bhal dawk Pollakki, li digà qeghdin jahdmu ghal Malta bhala *outsiders*, m’ghandhomx isiru membri tal-konferenza;

(c) Li ma kienx hemm oggezzjoni li l-linji tal-konferenza jintroducu *friendly companies* diment li dawn ikunu ta’ interess ghall Malta;

(d) Li l-*carriers* godda ma jkollhomx dritt li jghabbu merkanzija konvenzjonali f’dan l-istadju billi kien jidher li l-Bulgari kienu sejrin jimportaw minn Malta *Container Cargo* biss.

"Jidher mill-kliem tat-*telex*, li dawn il-propost[i] kienu digà saru lil konvenut Curmi u lil John Borg u l-istess proposti kienu gew konsiderati bhala ragonevoli.

"Dawn il-proposti kollha jindikaw certu qbil bejn il-konvenuti, derivanti minn konkorrenza ta' interess kummercjali fi hdan il-konferenza.

"Din il-Qorti ezaminat sewwa dawn il-proposti fil-kuntest li saru u waslet ghall-konkluzjoni li l-istess proposti, ukoll, ma jistghux jitqiesu li saru biex issir hsara lil Valfracht. Il-promulgazzjoni ta' proposti simili ma tistax titqies bhala abbuz ta' dritt, izda invece jidher li huwa uzu legittimu tad-dritt li l-membri tal-konferenza kellhom li jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u jissalvagwardjaw l-istess ezistenza tal-konferenza.

"Il-proposta l-ohra tal-konvenut Bianchi li jkun hemm tahditijiet anke fuq livell ta' Gvernijiet, haga li ma kienitx qeghda tigi proposta mill-konvenut Curmi f'dak l-istadju, ukoll ma tistax titqies li kienet xi proposta abbusiva. Wara kollox il-ftehim *Continent Malta Conference* sar bil-barka tal-Gvernijiet ta' Malta, tar-Repubblika Federali tal-Germanja u ta' l-Olanda u ghalhekk, jekk kellu jigi rivedut ma kien hemm xejn mhux floku li jigi suggerit li r-revizjoni tkun aval[l]ata mill-Gvernijiet rispettivi.

"Il-konvenut Bianchi, fl-istess *telex*, jenfasizza li '*It must be underlined that your views and those of Sea Malta coincide in most respects*'.

"Anke dan il-kumment jirrizulta li kien wiehed korrett billi d-dhul ta' kompetituri godda kien ser jolqot hazin kemm lis-Sea Malta u kemm ukoll il-linji barranin tal-konferenza. Ghalhekk, iz-zewg partijiet, li kienu digà marbutin flimkien fl-ambitu tal-konferenza, kellhom interess kummercjali li jikkolloboraw sabiex jissalvagwardjaw flimkien l-interessi rispettivi taghhom.

"Il-konvenut Bianchi jaghlaq dan it-*telex* lill-principali tieghu bis-suggeriment tattiku:-

‘*It follows that the ideas of the U.K. lines should also coincide with those held by you/Sea Malta.*

*We do not think it good policy that the UK/NC (North Continet) should officially represent a common front, as this might be interpreted as ‘ganging up’, but certainly a common stand should be agreed unofficially. We remind you however that the German Lines have a better and more advantageous conference agreement with Sea Malta than the English have*’.

“Wara li l-konvenut ta dawn il-pariri lill-principali tieghu, l-ghada, baghtilhom *telex* iehor (Dok. E a fol 13), li bih ghaddi[e]lhom xi argumenti li kienu qeghdin jingabu kontra l-kondizzjonijiet li s-Sea Malta xtaqet li jigu imposti fuq il-*carriers* il-godda. Dawn l-argumenti kienu:

(a) Li l-Bulgari ghal ragunijiet ta’ prestigju setghu jinsistu li jsiru membri tal-konferenza u ghalhekk ma jkunux iridu jghabbu b’*bills of lading* tas-Sea Malta;

(b) Li l-Bulgari kienu sejrin jopponu l-hlas ta’ *compensation* billi jargumentaw li la darba l-linji Germanizi u Inglizi ma kienux ihallsu *compensation* fuq il-kwota rispettiva taghhom ta’ 50%, ma kienx ikun gust li huma (il-Bulgari) ihallsu dan il-kumpens lis-Sea Malta biex hekk jirriducu l-profitti taghhom;

(c) Argument iehor kontra l-hlas tal-*compensation* kien dan: ‘*Shippers receivers may also argue that Sea Malta is getting compensation for doing nothing at their expense. It would be more fair and helpful to promotion of exports if Sea Malta was given no compensation, but that this revenue takes the form of a reduction in existing freight rates for Shipping benefit*’.

“Evidentement, il-konvenut Bianchi baghat din l-informazzjoni, biex il-principali tieghu jippreparaw ruhhom ghal dawn l-argumenti li x’aktarx kienu sejrin jingabru [*recte*: jingiebu] kontra l-proposti taghhom. Huwa spicca t-*telex* b’dawn il-kliem: ‘*Hence to counter these argumentations, Sea Malta, whose interest is to maintain*

*its present status within the Conference and safeguard its revenues deriving from compensation, will be requiring your fullest support*'.

“Ghal darba ohra, f’dan it-*telex* insibu prova li verament kien jezisti pjan konkordat bejn is-Sea Malta u l-linji barranin, tramite l-konvenuti Bianchi u Curmi, intiz biex jimmobilizza ‘*a common stand*’ (kif jghid espressament it-*telex* precedenti) sabiex jaffronta s-sitwazzjoni li kienet sejra tavvera ruhha bil-bdil tal-*Policy* da parti tal-Gvern Malti.

“Però, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, dana l-operat ma jistax jigi meqjus li jikkostitwixxi uzu abbuziv ta’ dritt, billi johrog car, anki mill-istess *telex*, li l-intenzjoni specifika li kienet tanima l-protagonisti li hasbuh, ma kientix li ssir hsara lil Valfracht izda dik li s-Sea Malta tibqa’ izzomm il-posizzjoni prestiggjuza li kellha fl-ambitu tal-konferenzi u li s-Sea Malta tissalvagwardja l-introjtu sinifikanti li kienet tircievi bhala kumpens mill-linji l-ohra tal-konferenza li kienu jgorru parti mil-kwota rizervata lis-Sea Malta. Irrizulta li dan il-kumpens kien ilahhaq madwar Lm120,000 fis-sena u wiehed jifhem li s-Sea Malta tirrisenti li titlef introjtu annwu tant sinifikanti meta r-rizorsi finanzjarji taghha kienu ta’ spiss fi stat prekarju.

“Ma naqsitx ukoll il-preokkupazzjoni, kemm tas-Sea Malta u kemm tal-linji barranin membri tal-konferenzi, minhabba l-possibiltà li bid-dhul ta’ *carriers* godda (deskritti mill-konvenut Bianchi bhala ‘*birds of passage*’ u ‘*non conference minded*’) in-nollijiet stabbiliti mill-konferenzi jistghu jigu imrahhsa ghall-livell mhux rimunerattiv u dan kien ikollu l-effett li eventwalment igib l-isfaxxar tal-istess konferenzi. Hafna kienu jahsbu li din l-eventwalità kienet tfisser rovina ghas-Sea Malta. Ic-chairman tas-Sea Malta ta’ dak iz-zmien, l-Onorevoli John Borg stqarr (a fol. 1814) li hu kien konvint li l-konferenzi kienu l-hajja tas-Sea Malta u li minghajrhom din il-kumpanija kienet tfalli. Zied jghid (a fol. 1843 *et seq*) illi s-Sea Malta:-

‘Ma setghet qatt ma taghmilx hilitha biex din tibqa’ izzomm dan l-arrangament, cioè il-konferenzi li bis-sahha taghhom

is-Sea Malta qatghet dejn ta' diversi miljuni u bdiet tiehu n-nifs.'

"Kemm is-Sea Malta u kemm ukoll il-linji barranin membri tal-konferenzi kellhom interess enormi li jzommu l-i*status quo*. Però, huma kienu konxji li l-Gvern Malti seta' facilment jimponi fuqhom ir-rieda tieghu li jdahhal *carriers* godda, billi kull ma ried jaghmel kien li jippublika isimhom b'Avviz Legali fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Att Nru. II tal-1980. Appena jsir hekk, dawn il-*carriers* godda setghu jikkompetu maghhom bhala *outsiders* fuq l-istess rotot mahduma mill-konferenzi. Rinfaccjati [b']din is-sitwazzjoni xejn felici ghalihom, il-membri tal-konferenzi, inkluz is-Sea Malta, urew lill-Gvern Malti li kienu lesti li jaccettaw id-dhul ta' *carriers* godda izda biex jimmitegaw il-hsara li kienu sejrin isofru bdew jinsistu li l-*carriers* il-godda jahdmu taht certi kondizzjonijiet, li gew ravvizati bhala 'oggezzjonijiet' mill-Prim' Ministru u bhala 'bsaten fir-roti' minn Valfracht. Din il-Qorti ezaminat il-kondizzjonijiet kollha li gew suggeriti u ifformat il-fehma li l-ebda wahda minnhom ma kienet kapriccuza jew intiza biex semplicement taghmel hsara il Valfracht. Anzi din il-Qorti hija sodisfatta li l-kondizzjonijiet li gew suggeriti kienu kollha jaqghu fl-ambitu ta' uzu legittimu ta' dritt billi s-Sea Malta kellha dritt li tissalvagwardja s-sopravivenza kummercjali taghha hekk kif il-linji l-ohra kellhom jedd li l-vantaggi li kellhom taht l-akkordju tal-konferenzi jippruvaw jippriservawhom.

"It-*telexes* tal-konvenut Bianchi li digà issemmew jaghmlu prova li bejn il-konvenuti u l-linji barranin membri tal-konferenzi kien hemm certu akkordju kemm fuq il-kontenut u kemm fuq il-metodu tattiku li kellu jigi adoperat fil-konfront tal-inizzjattiva tal-Gvern Malti. Però, din il-Qorti ma sabitx prova li dan l-operat kien ghemil doluz, kif allegat Valfracht. Fl-ewwel lok irid jinghad li s-Sea Malta <u>mill-ewwel uriet lill-Prim' Ministru</u> li ma kienet taqbel xejn mal-*policy* l-gdida li ried jintroduci. Meta l-Prim' Ministru baqa' jinsisti u s-Sea Malta rat li ma kellhiex triq ohra ghajr li taccetta s-sitwazzjoni l-gdida, hija mill-ewwel u minghajr ebda konsultazzjoni mal-konvenut Bianchi jew mal-linji

barranin insistiet li *carriers* godda ikunu tenuti li josservaw certi kondizzjonijiet.

“Is-Sea Malta ghamlet dan mill-bidu nett u ghamlitu sahansitra ghat-traffiku mal-Ingilterra fejn ix-xewqa tal-Prim’ Ministru setghet facilment tigi attwata. Dan billi s-Sea Malta digà kellha jedd, bl-ambitu tal-konferenza Ingliza li tinkarika *carriers* li ma kienux membri tal-konferenza biex igorru xi parti tal-kwota rizervata lilha. Hawnhekk tista’ ssir riferenza ghall-ittra tal-konvenut Curmi tal-14 ta’ Awissu 1985 (ara fol 747) mibghuta lill-Prim’ Ministru li biha Curmi jindika diversi kondizzjonijiet li s-Sea Malta xtaqet li jigu imposti fuq Valfracht dwar is-servizz tal-Ingilterra, fosthom il-kwistjoni tal-kumpens:-

‘*to make good for the compensation which Sea Malta now earns from the British lines*.’

“Fit-tieni lok, il-pjan li jirrizulta li tfassal bejn is-Sea Malta u bejn il-konvenut Bianchi, bhala rapprezentant tal-maggor parti tal-linji barranin li kienu jahdmu ghal u minn Malta, bl-iskop li jaffrontaw flimkien is-sitwazzjoni migjuba mill-bdil tal-*policy* tal-Gvern Malti, mhux talli ma tirrizultax li kien effett ta’ operat doluz, anzi talli li jidher li kien effett ta’ uzu ta’ dritt legittimu jekk mhux ukoll ta’ dover reciproku. Dan qieghed jinghad ghaliex is-Sea Malta u l-linji barranin kienu marbutin legalment bejniethom b’kuntratt li kienu mistennija li jezegwixxu u jonoraw. Issir riferenza ghal *Continent Malta Agreement* fejn espressament gie stipulat illi l-membri, biex itejjbu l-kondizzjonijiet tan-negozju taghhom: ‘*Have agreed to intensify their cooperation*’ ghal diversi skopijiet li jissemmew fl-akkordju fosthom:

‘*to safeguard the maintenance of equitable and remunerative freight tariffs, and to prevent the interference of outsiders and/or Competitors*’.

“Huwa xieraq li f’dan l-istadju, tigi investigata sottomissjoni tad-difensur ta’ Valfracht li hija krucjali ghat-tezi taghha: A fol 2183 *et seq* dan id-difensur qal hekk:

‘Hawn qieghda l-kwistjoni kollha, la darba l-oghla awtorità tal-pajjiz sid is-Sea Malta, ghaliex is-Sea Malta tal-Gvern, kienet riedet haga ghaliex dik il-haga ma saritx?’

“Huwa issottmetta illi l-volontà tal-Prim’ Ministru (li tibda topera Valfracht) ma sehhitx ghaliex giet torpedinata mill-ostakoli li ressqu nies li suppost kellhom lejaltà aktar lejn il-Gvern li qieghed jordna dik il-haga, milli lejn l-interessi taghhom. Id-difensur semma’ lill-Onorevoli Ministru Spiteri, li dak iz-zmien kien responsabbli ghas-Sea Malta u qal hekk:

‘Il-Ministru Spiteri ma kienx il-Prim’ Ministru u mela allura jekk il-Ministru Spiteri ma qabilx mal-Prim’ Ministru, l-Ministru Spiteri kellu jbaxxi rasu ghall-Prim’ Ministru … (ghaliex) il-Prim’ Ministru … kien jigi fuqu u suppost kellu awtorità fuqu’ (fol. 2186, 2187).

Dwar is-Sea Malta l-istess difensur qal hekk a fol 2167, 2168:

‘Is-Sea Malta kellha kull dritt li tissopravivi. Però kellha ukoll obbligi ohra, fosthom bhala kumpanija parastatali, dik li tbaxxi rasha ghad-direttivi li jigu min naha tal-Gvern’.

“Id-difensur ta’ Valfracht zied jghid li tista’ tghid li s-Sea Malta kienet il-*lunga manus* tal-Gvern u li kien hemm relazzjoni ta’ fiducja bejn il-Gvern w is-Sea Malta. Din is-socjetà kellha obbligu li timxi b’mod apert mieghu, taghtih pariri li jkun hemm bzonn biex isegwi il-linja tal-politika li ried jaghmel il-Gvern u certament ma taghmillux bsaten fir-roti. Dan l-obbligu ma kienx biss tas-Sea Malta *in abstracto* izda kien jaqa’ ukoll fuq id-dirigenti tas-Sea Malta, fosthom il-konvenuti Curmi u Bianchi. Bhala konsulenti tal-Gvern dawn kellhom ‘*duty of care*’ lejn il-Gvern, akbar minn bniedem normali li qieghed fil-kummerc.

“Illi din il-Qorti, wara li hasbet hafna fuq il-provi voluminuzi akkwiziti fil-process, ghamlet is-segwenti riflessjonijiet:-

"(a) Irrizulta li l-Onorevoli Spiteri, il-Ministru responsabbli ghas-Sea Malta, sar jaf l-ewwel darba bl-intenzjoni tal-Prim' Ministru li jibdel il-*policy* ezistenti, mhux mill-Prim' Ministru stess, izda minghand il-konvenut Curmi u c-Chairman John Borg (fol 1995). Sussegwentement il-Ministru Spiteri tkellem mal-Prim' Ministru fuq din l-affari u dan qallu hekk (ara fol 1956):-

'Ghaddejja xi haga, ma hemm xejn konkluz, meta jkun hemm xi haga li ghandha tittiehed decizjoni fuqha, naturalment inti tkun imdah[h]al'.

"L-Onorevoli Spiteri zied jghid hekk:-

'Qalli hekk … ghax l-ebda Prim' Ministru ma jimponi fuq il-Ministru tieghu xi haga li ma jkunx iddiskuta mieghu … Ma niftakarx li qatt ma kien hemm xi diskussjoni formali, jew diskussjoni b'dokument' (fol 1956-1957). Sa dan it-tant il-Ministru Spiteri xehed li kien idderiega lill-konvenut Curmi u lic-Chairman tas-Sea Malta, l-Onorevoli John Borg hekk:-

'Fil-konsiderazzjonijiet taghkom u fil-parir li taghtu lil Prim' Ministru fl-assenza tieghi, jekk ma jkunx hemm jien, il-parir irid ikun bhal dak li qeghdin taghtu lili, <u>illi l-ewwel u qabel kollox iridu jigu mharsa l-interessi tas-Sea Malta</u> … Is-Sea Malta hija kumpanija primarjament tal-poplu, allura l-ewwel interessi iridu jkunu tas-Sea Malta' (fol. 1957, 1958).

"L-Onorevoli Spiteri ikkonferma illi l-*letter of intent* tal-Prim' Ministru lil Valfracht qatt ma kien ra (ara fol. 1961, 1962, 1967) u li huwa sar jaf x'kien l-iskop tal-Prim' Ministru li jidhlu *carriers* godda, cioè li jizdied ix-xoghol fil-port, zmien wara, infatti wara l-elezzjoni (ara fol. 1964).

"Illi dawn is-siltiet mid-depozizzjoni tal-Ministru Spiteri huma sinifikattiv[i] ghaliex jindikaw illi l-intenzjoni tal-Prim' Ministru li jidhlu *carriers* godda, fosthom Valfracht, qatt ma giet diskussa sew la mal-Ministru responsabbli mis-Sea Malta u l-anqas mal-Kabinett tal-Ministri, fejn x'aktarx kellha tigi diskussa kwistjoni bhal din (ara fol 1953).

Ghalhekk dak li ried li jsir il-Prim' Ministru qatt ma sab l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mis-Sea Malta u dan certament kien intopp serju ghat-twettiq ta' dak li ried isir il-Prim' Ministru.

"(b) Intopp iehor ghat-twettiq tar-rieda tal-Prim' Ministru kien il-fatt li d-dirigenti tas-Sea Malta gew inkarigati mill-Ministru responsabbli ghas-Sea Malta biex l-ewwel u qabel kollox kellhom iharsu l-interessi tas-Sea Malta. Issa kien evidenti ghal kulhadd illi d-dhul ta' *carriers* ohra kien sejjer jizvantaggja lis-Sea Malta. Din is-socjetà ghandha personalità guridika distinta u separata mill-persuni tas-*shareholders* taghha u ghalhekk trid tittqies li hi distinta u separata mill-Gvern, li hu l-azzjonista principali. Isegwi li s-Sea Malta kellha d-dritt li tiehu dawk il-mizuri kollha biex tissalvagwardja l-interessi taghha fil-konfront ta' kulhadd, inkluz fil-konfront tal-istess Gvern. Il-Gvern s'intendi, seta' impona ir-rieda tieghu fuqha, però dan kellu jsir mhux b'mod sigriet jew informali, izda b'decizjoni tal-Bord tad-Diretturi, mehuda skond ma titlob il-ligi. Din il-Qorti ma jidrilhiex li kienet haga f'lokha li d-dirigenti tas-Sea Malta jigu pprezentati b'sitwazzjoni ta' dilemma:- Sitwazzjoni fejn ikollhom jaghzlu li jew jimplimentaw il-*policy* il-gdida u jaghmlu hsara lis-Sea Malta jew iharsu l-interessi tas-Sea Malta u ma jattwawx il-*policy* l-gdida. Fil-fatt is-soluzzjoni tad-dirigenti tas-Sea Malta kienet wahda li tipprova tibbilancja xi ftit iz-zewg htigiet, cioè li formalment jakkomodaw ix-xewqa tal-Prim' Ministru, izda, fl-implimentazzjoni taghha, issuggerew diversi kundizzjonijiet biex il-hsara lis-Sea Malta tkun kemm jista' jkun mitigata. Dawn il-kondizzjonijiet fil-fehma tal-Qorti, ma kienux xi 'bsaten fir-roti' kapriccuzi izda uzu legittimu ta' dritt, [illi] d-dirigenti tas-Sea Malta, fosthom il-konvenut Curmi, kellhom obbligu li jezercitaw biex jissalvagwardjaw l-interessi tal-kumpanija li kienu jikkapeggjaw.

"(c) Ostakolu iehor ghat-twettiq tar-rieda tal-Prim' Ministru kien il-fatt li l-*letter of intent* li hareg il-Prim' Ministru lil Valfracht fil-24 ta' Awissu 1985, la giet murija lid-dirigenti tas-Sea Malta u lanqas lill-Ministru Spiteri. Din l-ittra giet deskritta bhala *cornerstone* tal-kawza, però

irrizulta li Valfracht gabitha a konjizzjoni tal-konvenuti biss, xi sentejn wara li inkitbet dik l-ittra *di proprio pugno* tal-Prim' Ministru. Meta jigu ezaminati l-ittri u t-*telexes* skambjati bejn Valfracht u l-Bulgari (State Shipping Corporation) fis-sajf tal-1985, wiehed jinferixxi illi dik il-*letter of intent* giet emessa principalment jekk mhux unikament, biex Valfracht tuzaha fil-kuntratti u trattativi li kellha mal-linji barranin cioè il-Bulgari (ara fol 1638) u l-Ethiopian Shipping Lines (ara fol 1665). Din l-ittra kienet mehtiega sabiex Valfracht tissostanzja l-pretensjoni taghha maghhom li kellha l-barka tal-Gvern Malti li jigi introdott is-servizz marittimu in kwistjoni. Hija haga pjuttost stramba li Valfracht qatt ma uriet dik l-ittra lill-konvenut Curmi, matul id-diversi inkontri li kien hemm bejniethom u matul il-kors tal-kawza qatt ma inghatat spjegazzjoni ta' dan il-fatt kurjuz.

"(d) Fatt iehor kurjuz huwa kif hafna dokumenti mill-aktar konfidenzjali tal-konvenut Bianchi u anke, sa certu punt, tas-Sea Malta spiccaw fil-pussess tal-kompetitur taghhom, Valfracht. Il-konvenut Bianchi stqarr (ara fol 839 *et seq* u fol 897) illi dan sar bi tradiment u b'qerq jew serq. Min naha tal-attur David Jones dan gie michud, però, huwa naqas li jizvela l-identità tal-persuna li ghadditlu dawn id-dokumenti konfidenzjali u naqas ukoll li jirrispondi domandi dwar din il-kwistjoni (ara fol 624 *et seq*). Irrizulta li Valfracht qieset uhud minn din il-korrispondenza ta' Bianchi, fosthom it-*telexes* li gew kummentati f'din is-sentenza, bhala *corner stone* ohra tal-kawza, anzi li minghajrhom il-kawza ma setghetx issir. Irrizulta ukoll li fis-sajf tas-sena 1985 Valfracht digà kienet uriet dawn it-*telexes* lill-Prim' Ministru, bl-allegazzjoni li dawn kienu jikkostitwixxu prova li l-konvenut Curmi kien qieghed jikkonfoffa mal-konvenut Bianchi u li, inoltre, li l-izjed bniedem tekniku li kellu l-Gvern, ma kienx qieghed jimxi b'lejaltà lejn il-Prim' Ministru (ara fol 1552 *et seq*, fol 1622 u fol 1704). L-Onorevoli Dott. Mifsud Bonnici xehed li ma setghax jghid li dawk it-*telexes* ma qanqlulux suspett però zied jghid 'imma ghadni sal-llum ma nemminx hekk' (ara fol 423). Fil-fatt irrizulta li l-konvenut Curmi baqa' jokkupa il-kariga tieghu u qatt ma gie iccensurat u baqa' jinghata hafna piz lill-pariri tieghu. Anzi, Dottor Mifsud Bonnici

stqarr (ara fol 1080 *et seq*) illi l-oggezzjonijiet li qajjem il-konvenut Curmi holqu ostakoli kbar, tant taghhom piz, li ma kienux kapaci jissormontaghhom.

“Din il-Qorti irrifflettiet li huwa principju dan tal-process guridiku illi min ihabbat fuq bieb il-gustizzja ghandu jkollu idejh indaf. Dan il-principju isib applikazzjoni ukoll f’hana sitwazzjoni[jiet] ohra billi l-koncett ta’ *buona fede* huwa principju baziku tar-relazzjoni bejn kummercjanti. Il-pussess da parti ta’ Valfracht ta’ korrispondenza konfidenzjali ta’ kompetituri taghha, kif ukoll l-uzu li ghamlet minnhom, ma setghax ma jitfghax dubbju fuq il-korrettezza tal-imgieba tal-istess socjetà attrici. Din il-Qorti ma teskludix li dan l-aspett seta’ idaghjjef l-i*status* tas-socjetà attrici f’ghajnejn il-Prim’ Ministru. Certament, din il-Qorti thoss li ghandha tistqarr li hija digà stramba hafna li min qieghed jallega konfoffa u konkorrenza sleali kontrih, ihoss il-bzonn li jirrikorri ghall-‘provi’ li l-akkwist taghhom jikkreja suspett serju ta’ l-ezistenza ta’ konfoffa u konkorrenza sleali da parti tal-allegat vittma stess.

“(2) Illi huwa opportun li issa jsir kumment dwar il-posizzjoni tal-konvenut Bianchi. Rajna li Bianchi kien jirrapprezenta l-maggor parti tal-linji barranin tal-konferenzi li kienu jahdmu minn u ghal Malta. Bhala agent taghhom f’Malta l-konvenut Bianchi altru li kellu interess kummercjali li jipprolunga kemm jista’ jkun l-ezistenza tal-konferenzi. Rajna ukoll li l-konvenut Bianchi kien ukoll Direttur tas-Sea Malta, kariga li kien ilu zmien jokkupa qabel is-sena 1985 u li dam zmien iehor konsiderevoli jokkupa wara din id-data. Din il-Qorti jidrilha li mhux eskluz li din in-nomina setghet taghti lok ghal konflitt ta’ interess billi r-rapprezentant tal-linji barranin kien sejjer jinghata access ghal hafna taghrif sensittiv fi hdan is-Sea Malta li kien bla dubbju ta’ xejn jinteressa lill-linji barranin. Kienet sitwazzjoni pjuttost anomala li wiehed mid-Diretturi tas-Sea Malta ikun proprju agent ta’ linji barranin li hu direttament imhallas biex jipprotegi l-interessi u jippromwovi idejat li setghu ikunu in konflitt direttament jew indirettament mal-interessi tas-Sea Malta. Din il-Qorti ma tistax tipprezumi li l-Gvern Malti, meta ghamel din in-nomina ma kienx konxju ta’ din il-

possibiltà ta' konflitt ta' interess u ghalhekk la darba saret din in-nomine (*sic*) però f'din il-kawza, irrizulta li l-interessi tas-Sea Malta u tal-linji barranin, fil-konfront tal-bdil tal-*policy* mixtieqa mill-Prim' Ministru kienu jikkombacjaw u ghalhekk is-Sea Malta u l-konvenut Bianchi setgh[u] legittimament jikkoperaw flimkien biex jipprezentaw lil Gvern Malti front wiehed fl-ambitu tal-akkordju tal-konferenza. Dan certament kien ta' zvantagg ghat-twettieq tar-rieda tal-Prim' Ministru, però dan ma kienx ostakolu illegittimu billi l-konferenza kellha ukoll id-dritt li tissalvagwardja l-interessi taghha fil-konfront tal-Gvern. Wara kollox, il-Gvern Malti kellu ghad-dispozizzjoni tieghu struttura legali li kienet tippermettilu li jwettaq ir-rieda tieghu.

"Konsegwentement din il-Qorti tikkonkludi li Valfracht ma irnexxilhiex tipprova l-allegazzjoni taghha li l-konvenuti agixxew fil-konfront taghha b'mod abuziv u doluz jew b'konkorrenza zleali lejha u ghaldaqstant l-eccezzjonijiet imsemmija fil-meritu hemm lok li jintlaqghu.

"17. <u>It-tieni (2) eccezzjoni tas-Sea Malta u tal-konvenut Curmi</u>

"L-azzjoni ta' Valfracht hija wahda dwar danni li allegatament gew kawzati lilha mill-konvenuta dawn agew dolozament fil-konfront taghha (*sic*).

"Minn kif inhia formolata c-citazzjoni, jidher li d-danni allegati ma humiex derivanti minn dolo kontrattwali izda invece minn dolo aqwiljan li jitnissel mid-delitt civili jew kwazi delitt.

"Distinzjoni importanti bejn it-tnejn hija illi filwaqt li <u>d-dolo kontrattwali</u> jipprezumi obbligazzjoni pre-ezistenti bejn minn jikkawza d-danni u bejn il-vittma tad-danni, fil-kaz tad-<u>dolo *ex delicto*</u>, dan jipprezumi fatt jew operat li minnu titnizzel [*recte*: titnissel] *ex nunc* relazzjoni guridika bejn min jikkawza u bejn min isofri d-danni. Korollarju ta' dan il-principju huwa illi jekk f'kawza bazata fuq azzjoni ghad-danni *ex delicto*, bhal ma hija dik odjerna, jirrizulta illi effettivament ma kien l-ebda ghemil doluz, allura isegwi illi

ebda relazzjoni guridika ma tigi krejata bejn il-kontendenti f'dik il-kawza, ghaliex relazzjoni guridika bejniethom, tinholoq biss *ex nunc* jekk il-fatt doluz jigi sodisfacentement provat.

"Illi galadarba din il-Qorti digà waslet ghall-konkluzjoni li la s-Sea Malta u lanqas il-konvenut Curmi personalment ma huma hatja ta' ghemil doluz fil-konfront tas-socjetà attrici, Valfracht, allura isegwi li bejn dawn il-partijiet kontendenti attwalment ma hemm l-ebda relazzjoni guridika.

"Konsegwentement meta s-Sea Malta, fit-tieni eccezzjoni opponiet in-nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjetà attrici, s-Sea Malta kienet korretta. Kien korrett ukoll il-konvenut Curmi meta eccepixxa li huwa personalment la kellu u lanqas ghandu x'jaqsam mas-socjetà attrici u li ghalhekk ma hemmx kawzali guridikament valida fir-rigward. Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tas-Sea Malta u tal-konvenut Curmi huma fondati u qeghdin jigu milqugha.

"18. <u>L-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut Curmi</u>.

"Illi bl-ewwel eccezzjoni, l-konvenut Curmi qieghed jissottometti illi huwa dejjem agixxa fil-kwalità tieghu ta' Managing Director tas-Sea Malta Company Limited u fl-interess esklussiv taghha. Sostna li f'ismu proprju jew fl-interess personali tieghu huwa, f'din il-vertenza, ma ghamel assolutament xejn.

"Illi din il-Qorti digà waslet ghall-konkluzjoni li l-ghemil ta' Curmi, fil-konfront ta' Valfracht ma irrizultax li kien wiehed abbusiv jew doluz. Ma gietx ipprovata min-naha ta' Valfracht li Curmi, agixxa kif agixxa minhabba xi motiv estraneju jew pekunjarju personali. Din il-Qorti hija sodisfatta li Curmi agixxa b'mod korrett u b'lejaltà, kif ukoll fl-ambitu tal-poteri li kellu bhala General Manager tas-Sea Malta, u kif digà intqal, b'kull pass importanti li kien jaghmel kien jgharraf bil-miktub lis-superjuri tieghu.

"Bhala konsegwenza ta' dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehma illi anke l-ewwel eccezzjoni tal-

konvenut Curmi hija fondata u hemm lok li tintlaqa'. L-istess konkluzjoni tghodd ukoll fil-konfront tat-tielet eccezzjoni ta' dan il-konvenut. B'din l-eccezzjoni qieghed jissottometti illi huwa ghandu jirrispondi biss lill-Bord ta' Diretturi tas-socjetà li jservi, u lill-Gvern bhala l-azzjonista principali indirett tal-istess socjetà.

"La darba l-ghemil tieghu irrizulta li qatt ma kien doluz u dejjem agixxa fil-limiti tal-poter tieghu ta' General Manager u qatt ma kellu konsiderazzjonijiet estraneji, isegwi li Curmi ma ghandux x'jirrispondi ghal ghemilu fil-konfront ta' Valfracht. Anke fl-ipotesi li f'xi decizjoni li ha, jew f'xi parir li seta' ta (bhala l-aktar bniedem tekniku li kellu l-Gvern fil-kamp marittimu) seta' ikkommetta xi zball genwin, allura la darba irrizulta li ma agixxiex dolozament, huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' terzi bhal ma hija Valfracht. Ir-relazzjoni guridika fl-assenza ta' prova ta' dolo jew almenu culpa, tibqa' pjenament fil-kamp kontrattwali u ghalhekk fl-ipotesi ta' xi decizjoni jew parir zbaljat, il-konvenut Curmi ghandu jirrispondi, mhux lil Valfracht, li maghha ma kellu ebda relazzjoni guridika izda lis-Sea Malta u/jew lill-Gvern.

"19. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni tas-Sea Malta u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut Bianchi kemm proprio u kemm nomine</u>.

"Illi bl-ewwel eccezzjoni taghha, s-Sea Malta issottomettiet illi l-Att numru II tal-1980 jirregola l-garr ta' merkanzija bil-bahar ghal u minn Malta. Skond l-istess ligi, l-poteri fir-rigward huma f'idejn il-Ministru responsabbli ghall-portijiet. Ghalhekk il-lamenti tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà eccipjenti huma ghal kollox inutili.

"Din l-eccezzjoni tixbah hafna, jekk ma hijiex identika, ghat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut Bianchi kemm f'ismu proprju u kemm f-isem is-socjetà konvenuta Bianchi & Sons Limited. Biha gie sottomess illi huwa inkongru u assurd illi wiehed jallega illi l-Gvern ta' Malta jista' jigi mgieghel jaghmel xi haga li ma jridx u minhabba f'hekk l-attur sofra danni.

“Dawn l-eccezzjonijiet inghataw billi fl-ewwel talba ta’ Valfracht kontenuta fic-citazzjoni, hemm espressament allegat li l-konvenuti, b’agir abbusiv u doluz ikkonfoffaw u holqu l-ostakoli kollha possibli, b’mod li l-Gvern Malti gie effettivament impedut milli johrog l-awtorizzazzjoni lil Valfracht li topera linja marittima indipendenti minn u ghal Malta mill-portijiet tar-Renju Unit u tal-Europa ta’ Fuq.

“Illi Valfracht ir[n]exxielha tipprova li l-Gvern Malti ikkommetta ruhu maghha li kellu l-intenzjoni li jaghmel l-arrangamenti necessarji biex Valfracht topera s-servizz marittimu imsemmi taht l-Att numru II tal-1980, inkluz li jippublika isem Valfracht fil-Gazzetta tal-Gvern bhala *authorised line*. Dan kollu jirrizulta kjarament mill-*letter of intent* tal-Prim’ Ministru, l-Onorevoli Mifsud Bonnici tal-24 ta’ Awissu 1985. Valfracht qeghda tallega li din l-intenzjoni tal-Prim’ Ministru qatt ma giet attwata billi l-konvenuti dolozament b’kongura qanqlu numru ta’ oggezzjonijiet li minhabba fihom il-Gvern Malti gie impedut li jwettaq dak li ried jaghmel.

“Issa li kieku Valfracht irnexxielha tipprova dak li allegat, cioè li l-konvenuti jew xi hadd minnhom, b’ghemil doloz qarrqu bil-Prim’ Ministru b’mod li dan gie ingannat u b’hekk dak li ried, ma setghax jattwah, kieku saret din il-prova, allura l-azzjoni ta’ Valfracht setghet tirnexxi.

“Però, din il-Qorti digà waslet ghall-konkluzjoni li hadd mill-konvenuti ma jirrizulta li wettaq xi ghemil doluz. Kwindi r-raguni tan-nuqqas tat-twettieq ta’ dak li ried il-Prim’ Ministru trid tinstab x’imkien iehor ghaliex fl-assenza ta’ prova ta’ ghemil qarrieqi ta’ xi hadd huwa ferm difficili li jigi prospettat il-kaz ta’ Gvern li jrid xi haga, ikollu l-mezzi li jaghmilha u jispicca biex ma jaghmilhiex.

“Il-Gvern Malti kellu f’idejh il-mezzi u l-istrutturi necessarji biex, kieku verament ried, kien [i]wettaq l-intenzjoni tieghu. Fl-ewwel lok jidher li wara li ra li l-pjan tieghu ma kienx kondiviz mid-dirigenti tas-Sea Malta, l-Prim’ Ministru ma ha l-ebda passi biex jipprova jipperswadi lill-Ministru Spiteri li, *malgrado* li setghat issir xi hsara lis-Sea Malta, il-pjan tieghu kien l-aktar wiehed idoneju u tajjeb ghall-pajjiz.

Mix-xhieda tal-Onorevoli Spiteri jirrizulta ukoll (ara fol 1953) li l-pjan tal-Prim' Ministru ma tpoggiex ghall-approvazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri, kif kien x'aktarx jixraq li jsir meta *si tratta* ta' kambjament importanti f'*policy* li kienet sejra taffettwa drastikament lill-linja nazzjonali.

"Irrizulta ukoll li l-imsemmija *letter of intent* tal-Prim' Ministru ma intweriet qatt la lil Ministru Spiteri u lanqas lid-dirigenti tas-Sea Malta. Dawn kollha saru jafu biha ftit qabel imbdiet il-kawza odjerna jew fil-mori tal-kawza stess. Irrizulta li l-Prim' Ministru l-ewwel ipprova t-triq tal-perswazzjoni u tal-ftehim billi ipprefera li jipprova ma jimponiex ir-rieda tieghu u allura baghat lid-dirigenti tas-Sea Malta biex jirrinegozjaw il-*Cargo Sharing Agreements*. Sa certu punt, dan irnexxielhom jaghmluh billi l-linji Germanizi urew ruhhom lesti li jakkomodaw ix-xewqa tal-Gvern Malti li jidhlu *carriers* ohra biex igorru parti mis-sehem riservat lis-Sea Malta, *purchè* li dawn josservaw certi kondizzjonijiet. Dawn il-kondizzjonijiet, però ma ghogbux lil Valfracht. Hija argumentat kontrihom u mhux biss ilmentat minn konfoffa kontriha talli ghaddiet lill-Prim' Ministru t-*telexes* allegatament inkriminanti tal-konvenut Bianchi fosthom dawk tas-27 u t-28 t'Awissu 1985, bhala prova tal-allegazzjoni taghha. Dan gara f'Settembru 1985 stess (ara fol 1552 *et seq*). B'hekk il-Prim' Ministru kellu f'idejh mezzi biex ikun jista' jizen u jivvaluta ahjar il-parir li kien qieghed jircievi minghand il-konvenut Curmi. *Nonostante* l-allegazzjoni serjissima li saret fil-konfront ta' Curmi, l-Prim' Ministru mhux talli ma ccensurax lill-konvenut Curmi talli xorta wahda baqa' jaghti hafna piz ghal konsulti li kien itih dan il-konvenut.

"Illi jekk ir-revizjoni tal-*Cargo Sharing Agreements* ma saritx bil-mod kif kien jixtieq il-Prim' Ministru, allura l-Gvern kellu xorta wahda f'idejh il-mezzi biex iwettaq ir-rieda tieghu ghaliex ebda ostakolu li sab fi trieqtu ma kien wiehed insormon[t]abbli.

"Il-Gvern bhala azzjonista principali tas-Sea Malta seta' facilment jimponi r-rieda tieghu fuq is-Sea Malta. Seta' jara li dak li ried, jitwettaq mis-Sea Malta b'decizjoni tal-Bord tad-Diretturi taghha. Seta', kieku ried, igieghel lis-

Sea Malta tirtira mill-ftehim tal-konferenza billi jinghata avviz ta' sitt xhur lill-membri l-ohra. Seta' jhalli l-konferenza tezisti u semplicement jawtorizza lil Valfracht li topera bhala *outsider*, bil-poter li kellu taht l-Att numru II tal-1980 u dana billi jippublika b'Avviz Legali isem Valfracht bhala *authorised line*. Infatti, irrizulta (ara fol 1650) li Valfracht ma rieditx tkun membru tal-konferenza, però riedet li tapplika l-istess rati tal-konferenza u riedet li tikkopera maghha. A propositu, l-Onorevoli Dott. Mifsud Bonnici xehed, a fol 410 li huwa, bhala Ministru responsabbli ghall-Port, kellu kwalunkwe dritt li jdahhal fil-lista tal-*authorised lines* lil Valfracht u a fol 419 stqarr li kellu din is-setgha u li:-

'Kieku ridt ghelibt id-diffikultajiet kollha. Imma, kif spjegajt … id-diffikultajiet kienu qeghdin jizdiedu'.

"Din il-Qorti, ghalhekk, jidrilha illi l-imsemmija eccezzjonijiet huma fondati u hemm lok li jintlaqghu la darba irrizulta li ebda qerq ma gie prattikat mill-konvenut fil-konfront tal-Gvern. Kienu appuntu d-disposizzjonijiet tal-Att Nru II tal-1980 li impedixxa lil Valfracht milli topera, u kien appuntu l-Gvern stess li iddecieda li ma juzax il-poter moghti lilu mill-istess att biex jippermetti lil Valfracht li topera. Ghal dan l-operat, m'ghandhom xejn x'iwiegbu l-konvenuti billi jirrizulta li dak li ghamlu jikkostitwixxi uzu, fil-qies li jmiss, tad-dritt taghhom li jissalvagwardjaw l-interessi taghhom.

"20. <u>Il-kontro-talba tal-konvenut Bianchi nomine</u>

"Illi l-konvenut Vivian Bianchi, bhala Chairman u in rapprezentanza tas-socjetà Bianchi & Sons Ltd., ipprevalixxa ruhu mill-kawza intavolata minn Valfracht biex, f'din il-kawza stess, iharrek lis-socjetà Valfracht Shipping Company Limited in via rikonvenzjonali.

"Illi bazikament, Bianchi nomine qieghed jallega illi l-mandat kawtelatorju ta' Sekwestru li Valfracht harget kontra Bianchi & Sons Ltd, ghas-somma ta' miljun lira Maltija (Lm1,000,000) kien frivolu, vessatorju u ottenut b'abbuz tal-process legali. Bianchi jallega ukoll li dan il-

mandat ikkawza u qed jikkawza danni ingenti u ghalhekk talab li din il-Qorti tiddikjara lil Valfracht responsabbli ghall-istess danni kawzati bhala rizultat tal-agir abuziv taghha, li l-istess danni jigu likwidati u li Valfracht tigi kkundannata thallas l-istess danni hekk likwidati.

“Illi Valfracht, barra eccezzjoni fil-meritu, tat eccezzjoni preliminari, cioè l-ewwel wahda taghha, li biha issottomettiet illi l-kontro-talba kienet nulla u irritwali billi r-ragunijiet li fuqhom kienet bazata m’humiex dawk kontemplati mill-ligi cioè l-Artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huwa essenzjali li, fl-ewwel lok, tigi investigata din l-ewwel eccezzjoni tal-Valfracht.

“Illi dan l-Artikolu jistabilixxi d-diversi ipotesi li fihom tista’ issir ir-rikonvenzjoni. Mill-kliem uzat mil-legislatur jidher car li l-kazijiet li fihom tista’ ssir kontro-talba huma tassattivament elenkati, u ghalhekk min jipproponi kontro-talba ghandu, qabel xejn, juri li r-rikonvenzjoni tinkwadra ruhha f’wahda mill-ipotesi kontemplati fl-imsemmi Artikolu 396.

“L-effett tal-kontro-talba huwa, li proceduralment it-talba originali ta’ Valfracht u l-kontro-talba ta’ Bianchi nomine jinstemghu fl-istess process u li z-zewg talbiet jigu decizi fl-istess kawza (ara Artikolu 397). Però ma hemm l-ebda dubbju li z-zewg talbiet rispettivi li l-kontendenti jaghmlu kontra xulxin jitqiesu proceduralment bhala zewg kawzi separati.

“Illi l-artikolu 396 jiddisponi hekk:

‘Fil-kawzi, il-konvenut jista’ jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta’ l-attur kif sejjer jinghad hawn taht:-

(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta’ l-attur, jew

(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha'.

"Johrog car minn qari ta' dan l-artikolu li biex kontro-talba tkun tista' tigi proposta ritwalment irid jintwera jew li z-zewg talbiet ghandhom origini komuni jew li z-zewg talbiet joqtlu jew jeliminaw reciprokament lil xulxin.

"Illi d-difensur ta' Valfracht spjega l-eccezzjoni li ta b'dawn is-sottomissjonijiet (ara fol 45) cioè li l-kontro-talba kienet nulla u irritwali:

'ghax ma jezistux fil-premessi l-elementi li jaghtu lok ghall-kontro-talba rikjesti mill-Artikolu 396 tal-Kap 12. Il-kontro-talba skond is-subinciz (a) tista' ssir meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt, jew titolu, li minnu tkun gejja t-talba tal-attur.

'Issa l-fatt li minnu gejja t-talba tal-atturi f'din il-kawza huwa l-kongura, konfoffa u maniggi tal-konvenut nomine ma' terzi li bihom il-Gvern gie ostakolat serjament milli jimplimenta d-decizjoni tieghu u bit-tixrid ta' notizzji foloz ghall-istess skop bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kummercjali. Invece l-fatt li fuqu qed jibbaza l-kontro-talba tieghu l-konvenut nomine, donnu jidher li hu 'din il-kawza' u l-'mandat kawtelatorju ta' sekwestru' mahrug mill-atturi nomine biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom fl-istess kawza. Ghalhekk il-bazi tal-kontro talba mhux l-istess fatt. F'din il-kawza il-'kuntratt' u 'titolu' ma japplikawx.

'Is-subinciz (b) jghid li tista' ssir kontro-talba ukoll meta l-iskop taghha hu li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha. Issa f'dan il-kaz, jew it-talba attrici ser tigi milqugha u allura ma jkun qatt il-kaz li l-konvenut jista' jigi ritenut li sofra danni li ghalihom iridu jirrispondu l-atturi semplicement ghax ezercitaw id-drittijiet taghhom li jikkawtelaw skond il-ligi. Jew jekk tintilef il-kawza mill-attur mhux ser ikun hemm x'jigi pacut ghax l-atturi nomine ma jkollhom dritt ghal xejn. Ghalhekk l-

element ta' tpacija ma jista' jezisti qatt f'dan il-kaz. Jekk imbaghad jigi deciz li t-talbiet attrici tal-esponenti huma gustifikati, zgur li qatt ma jistghu jigu milqugha t-talbiet komprizi fil-kontro-talba u qatt ma jista' jkun li dawn jigu milqugha biex igibu fix-xejn il-pretensjoni tal-atturi nomine. Biex tigi fix-xejn l-azzjoni attrici bizzejjed li fis-sentenza finali dawn it-talbiet jigu michuda u ma hemmx bzonn ta' kontro-talba. Mil-banda l-ohra, jekk it-talbiet attrici jigu michuda ma jkunx hemm bzonn li jigu impeduti l-effetti tal-azzjoni attrici ghax din tizvinta wahedha ma' sentenza finali sfavorevoli'.

"Illi din il-Qorti, wara li qieset sewwa l-kwistjoni tikkonkludi li bazikament tikkondividi l-fehma kontenuta fis-sottomissjonijiet fuq citati. Izzid biss dan li gej u cioè li hija haga kwazi evidenti li l-kontro talba ta' Bianchi nomine ma tinkwadrax ruhha la fis-subinciz (b) tal-artikolu 396 u lanqas fis-subinciz (a) inkwantu jissemma' 'l-istess kuntratt jew titolu'.

"Ghalhekk jibqa' biss li jigi kkonsidrat l-kontro talba tal-konvenut hijiex gejja mill-istess 'fatt' li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur. It-talba tal-attur hija bazata fuq il-fatt allegat minnha li fis-sajf tas-sena 1985 u fiz-zmien sussegwenti, l-konvenuti wettqu kongura doluza li minhabba fiha l-Gvern Malti kien impedut li jimplimenta decizjoni tieghu li Valfracht topera linja marittima indipendenti u Valfracht allegat li l-konvenuti xerrdu notizji foloz kontriha u saru hatja ta' konkorrenza sleali. Minhabba dan l-agir doluz tal-konvenuti Valfracht talbet li l-konvenuti jhallsu d-danni li sofriet.

"Min naha l-ohra, t-talba ta' Bianchi nomine kontenuta fir-rikonvenzjoni hija bazata fuq il-fatt li fis-7 ta' Dicembru 1987 Valfracht harget Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju b'mod abbuziv u ghalhekk talab li Valfracht thallsu d-danni konsegwenzjali li sofra.

"Johrog car li z-zewg talbiet m'ghandhomx komunanza ta' origini. Infatti t-talba ta' Valfracht temana minn allegazzjoni ta' abbuz ta' dritt sostantiv waqt li l-kontro-talba ta' Bianchi temana minn allegazzjoni ta' abbuz ta'

dritt procedurali. Il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju m’huwiex il-bazi tat-talba tal-attur, però dan il-mandat huwa l-origini u l-bazi tal-kontro-talba ta’ Bianchi nomine.

“Konsegwentement din il-Qorti jidrilha li l-istess kontro-talba ma tinkwadrax ruhha taht l-ebda ipotesi kontemplata fl-artikolu 396 tal-Kap 12 u ghaldaqstant saret irritwalment, kif sewwa issotomettiet Valfracht fl-ewwel eccezzjoni taghha.

“La darba din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, evidentement l-istess kontro-talba hija inammissibbli u hemm lok ghalhekk li Valfracht tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, fil-konfront ta’ din il-kontro-talba.”

Rat il-petizzjoni ta’ l-appell ta’ l-atturi nomie illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… li din l-Onorabbli Qorti tirriforma is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-29 t’Ottubru 1993, billi tikkonferm[a]ha in kwantu cahdet it-tielet eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited bl-ispejjez konnessi ma’ din l-eccezzjoni a kariku tal-istess socjetà konvenuta; in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Bianchi f’ismu proprio bl-ispejjez konnessi ma’ din l-eccezzjoni a kariku tal-istess konvenut; in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-atturi nomine ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Bianchi nomine u konsegwentement illiberat lill-atturi nomine mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut Bianchi nomine, u in kwantu ordnat li l-ispejjez kollha konnessi mall-kontro-talba tal-konvenut Bianchi nomine jibqghu a kariku tal-istess konvenut Bianchi nomine, u tirrevok[a]ha in kwantu laqghat l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti; cahdet it-talbiet kollha dedotti mill-atturi nomine fic-citazzjoni u ordnat li l-ispejjez kollha konnessi mal-kawza originali, tal-atturi nomine, minbarra dawk li digà gew decizi, jibqghu a kariku tal-atturi nomine, u, minflok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti pro. et noe. u tilqa’ it-talbiet kollha dedotti mill-atturi fic-citazzjoni, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati pro. et noe.”;

Rat ir-risposta ta’ l-appell, kif korretta, tal-konvenut Joseph Curmi f’ismu proprju illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata u illi l-appell ta’ l-atturi ghandu jigi michud;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konvenut Joseph Apps nomine illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata u illi l-appell ta’ l-atturi ghandu jigi michud;

Rat ir-risposti ta’ l-appell tal-konvenut Vivian Bianchi nomine u ta’ l-istess konvenut f’ismu proprju illi bihom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
“… illi t-talbiet tal-atturi nomine kontenuti fil-petizzjoni jigu michuda u b’hekk is-sentenza tal-prim’ istanza tigi konfermata fil-parti taghha fejn cahdet it-talbiet attrici u riformata fejn ma laqghetx l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellati billi jigu milqugha tali eccezzjonijiet u dan bl-ispejjez intieri taz-zewg istanzi kontra l-appellanti”;

Rat ir-repliki ta’ l-atturi nomine ghar-risposta tal-konvenut Vivian Bianchi nomine u ghar-risposta ta’ l-istess konvenut f’ismu proprju;

Rat il-petizzjoni tal-appell tal-konvenut Vivian Bianchi nomine illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
“… illi din il-Qorti jghogobha tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti u tilqa’ it-talbiet rikonvenzjonali tal-appellant nomine kif intqal fuq kontra l-atturi appellati bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi nomine”;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi nomine ghall-appell interpost mill-konvenut Bianchi nomine illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi dan l-appell ghandu jigu michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Bianchi nomine appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, ghandu jigi rilevat illi permezz ta’ nota pprezentata fid-disgha (9) ta’ Gunju, 1997 (fol. 2517) il-konvenut Vivian Bianchi nomine ddikjara hekk:
“Li permezz taghha icedi l-atti tal-appell tieghu rigwardanti il-kontro-talba sabiex jidderigi ruhu ahjar”,

u illi waqt l-udjenza mizmuma minn dina l-Qorti fit-tnax (12) ta’ Gunju, 1997 gie verbalizzat hekk (fol. 2518):
“Jidher li l-appell ta’ Vivian Bianchi pro et [*sic*] nomine gie cedut”;

Ghaldaqstant, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri ta’ l-appell intavolat mill-konvenut Vivian Biachi nomine;

Illi, ghalhekk, jonqos illi jigi kunsidrat biss l-appell intavolat mill-atturi nomine;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-petizzjoni ta’ appell pjuttost twila ta’ l-atturi nomine jirrizulta illi dawn ressqu aggravju wiehed (1) kontra s-sentenza appellata, dak illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament u evalwazzjoni hazina tal-provi prodotti. Infatti, fl-istess petizzjoni (paragrafu enumerat 11, fol. 2345) jinghad:
“… Fejn il-Qorti iddipartiet mit-tezi sostnuta mill-atturi nomine kien proprju fl-evalwazzjoni tal-fatti li rrizultaw pruvati u fil-portata taghhom. Kienux dawk il-fatti imorru kontra l-ligi jew le u jirrendu lill-konvenuti, jew min minnhom passibbli ghal-azzjoni tad-danni, hawn hi l-kwistjoni”;

inoltre, fil-paragrafu enumerat sbatax (17) tal-petizzjoni taghhom (fol. 2346) l-atturi jghidu hekk:
“Il-kwistjoni tibqa’ wahda ta’ evalwazzjoni tal-fatti li irrizultaw pruvati ghall-ewwel Qorti fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt tant esposti tajjeb mill-ewwel Qorti”;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma tibda tikkunsidra l-aggravju hawn fuq imsemmi, dina l-Qorti tixtieq taghmel is-segwenti osservazzjoni: wara illi hija impjegat hin twil hafna sabiex - kif, minn qari tas-sentenza appellata, huwa evidenti illi ghamlet ukoll l-ewwel Qorti - tiehu konjizjoni ta' u tezamina l-provi processwali tant voluminuzi, waslet ghall-konkluzjoni illi parti konsiderevoli - biex ma jinghadx il-maggoranza stragrandi - minn dawn il-provi hija assolutament irrilevanti ghall-fini tad-determinazzjoni tal-vertenza. Dan osservah ukoll l-abili difensur tal-konvenuti Joseph Curmi u s-socjetà Sea Malta Company Limited illi, fil-bidu tat-trattazzjoni orali tieghu quddiem l-ewwel Qorti waqt l-udjenza minnha mizmuma fl-ghoxrin (20) ta' Mejju, 1992 (fol. 2190) issottometta hekk:
"… Jiena nitwerwer meta nahseb li s-sinjurija tieghek trid tiehu l-briga taqra dak kollu li hemm hemm [*sic*]. Izjed u izjed meta jiena nhoss li hafna minnu verament mhux relevanti ghall-kaz";

Ikkunsidrat:

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi tribunal tat-tieni grad, bhal ma hija dina l-Qorti, ma jiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi processwali maghmul minn tribunal ta' l-ewwel grad, bhal ma hija l-Qorti illi emanat is-sentenza appellata, sakemm lit-tribunal tat-tieni grad ma tirrizultalux xi raguni serja. Kif ghadu kemm inghad, dina l-Qorti - kif huwa d-dover taghha - hadet konjizjoni ta' u ezaminat il-provi processwali, komprizi d-depozizzjonijiet tax-xhud Henry Miceli illi, skond kif issottometta quddiem dina l-Qorti l-abili difensur ta' l-atturi appellanti fit-trattazzjoni orali tieghu, gew kompletament injorati mill-ewwel Qorti. Ir-rizultat ta' dan l-ezami huwa illi dina l-Qorti hija ghal kollox konvinta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament minuzjuz tal-provi processwali, ghamlet evalwazzjoni korretta ta' dawn il-provi fid-dawl tal-principji ta' dritt involuti fil-kaz, principji illi - kif l-atturi appellanti lejalment ammettew fic-citat paragrafu enumerat 17 tal-petizzjoni taghhom - "gew tant

esposti tajjeb mill-ewwel Qorti", u waslet ghal konkluzjonijiet gusti;

Dan stabbilit, strettament ma hemmx il-htiega illi dina l-Qorti tmur oltre. Però, dina l-Qorti hija tal-fehma illi, b'zieda ma' dak kollu illi jinghad fis-sentenza appellata, ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Fl-ahhar sentenza tal-paragrafu enumerat hmistax (15) tal-petizzjoni ta' l-appell in ezami jinghad hekk (fol. 2346):
"Fit-*telexes* ta' Bianchi ma tohrogx biss il-kolluzjoni 'apparenti', imma wahda reali u tangibbli, kif *del resto* hasset l-ewwel Qorti fl-ewwel abbozz tas-sentenza appellata (Fol. 51)" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ezistenza fost atti processwali ta' "l-ewwel abbozz" ta' sentenza jew ta' xi pronunzjament gudizzjarju iehor hija inkoncepibbli. Dak illi huwa importanti, fil-kaz attwali, huwa illi mill-atti processwali ma jirrizulta ebda abbozz ta' sentenza, la a "Fol. 51" u lanqas x'imkien iehor; tirrizulta biss is-sentenza appellata u *quod non est in actis non est in mundo*. L-ewwel abbozz ta' din is-sentenza jezisti biss fl-immaginazzjoni ta' l-atturi appellanti;

2. Gustament, kemm il-kontendenti u kemm l-ewwel Qorti taw hafna importanza lill-istruzzjonijiet illi f'Awissu, 1985 il-Prim' Ministru ta' allura, l-Onorevoli Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, ta lill-konvenut Joseph Curmi u lis-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited. L-Avukat Mifsud Bonnici u l-konvenut Joseph Curmi ma jaqblux ghal kollox dwar x'kienu dawn l-istruzzjonijiet. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ahjar prova dwar liema kienu dawn l-istruzzjonijiet - jew ahjar, suggerimenti - forniha l-konvenut Joseph Curmi waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 1992 meta huwa esebixxa xi dokumenti, fosthom dak markat "IR1". Dan huwa fotokopja ta' ittra datata "13/8/85", mahruga fuq *letter-head* intestata *OFFICE OF THE PRIME MINISTER*, miktuba *di proprio pugno* mill-allura Prim' Ministru Dottor Carmelo Mifsud Bonnici u indirizzata lil "Lino" (l-allura

Ministru Lino Spiteri, responsabbli ghas-Sea Malta). Il-kontenut ta' dan id-dokument huwa hawn riprodott *in toto*:

"Lino

Tkellimt ma Joe Curmi u John Borg tas-Sea Malta dwar l-arrangamenti tal-Konferenza li ghandna ghall-U.K., u isseggerejtilhom nsibu mezz taht il-ftehim li ghandna halli ndahhlu aktar linji tal-vapuri, fosthom tal-Bulgari, biex tigi utilizzata l-kwota ta 50% riservata ghalina.

Nitolbok tidhol fil-kwistjoni u tassigura ruhek li l-interessi tas-Sea Malta jigu mharsa" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn dan id-dokument jirrizulta illi:

(i) Dottor Carmelo Mifsud Bonnici, pjuttost milli ta istruzzjonijiet, ghamel suggerimenti lill-konvenuti Joseph Curmi u s-socjetà Sea Malta Company Limited;

(ii) dawn is-suggerimenti kienu già saru fit-tlettax (13) ta' Awissu, 1985 u, ghalhekk, sewwa qabel ma inkitbet il-*letter of intent* , datata *24th August 1985* (Dok. B, fol. 8), illi tant issemmiet f'dawn il-proceduri;

(iii) kienet it-talba tal-Prim' Ministru ta' allura illi f'dak illi jsir ikun assigurat "li l-interessi tas-Sea Malta jigu mharsa";

3. Dina l-Qorti hija ta' l-istess fehma bhall-ewwel Qorti illi, dawk illi Dottor Carmelo Mifusd Bonnici waqt id-depozizzjonijiet tieghu isejjah "oggezzjonijiet" u illi l-atturi jikkonsidraw bhala "bsaten fir-roti" u ta' pregudizzju ghalhom, m'humiex xi rizultat ta' xi konfoffa bejn il-konvenuti intiza sabiex tippregudika lill-atturi izda komplessivament jikkostitwixxu uzu legittimu tal-jeddijiet rispettivi tal-konvenuti Joseph Curmi u s-socjetà Sea Malta Company Limited minn naha wahda u tal-konvenut Vivian Bianchi proprio et nomine min-naha l-ohra. Tajjeb illi jigi rilevat, f'dan ir-rigward, illi jirrizulta illi s-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited gabet l-

“oggezzjonijiet” taghha a konjizjoni tal-Prim’ Ministru konsiderevolment qabel ma jirrizulta pruvat illi tkellmet l-ewwel darba dwar is-“suggerimenti” tal-Prim’ Ministru mal-konvenut Vivian Bianchi. Infatti, filwaqt illi dawn l-“oggezzjonijiet” - jew, almenu, uhud minnhom - jirrizultaw elenkati fid-dokument markat “IR4” (fol. 2150-1) datat erbatax (14) ta’ Awissu, 1985 ma jirrizultax b’mod konkluziv illi l-konvenut Bianchi kien a konoxxenza tas-“suggerimenti” tal-Prim’ Ministru qabel ma iddiskutihom ghall-ewwel darba mal-konvenut Joseph Curmi u max-xhud John Borg, l-allura Chairman tas-socjetà konvenuta Sea Malta Company Limited, f’laqgha illi ssejjhet mill-istess John Borg, illi saret fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Awissu, 1985 u illi ghaliha kien prezenti l-konvenut Vivian Bianchi fuq stedina ta’ l-istess John Borg (fol. 1807). Probabbilment, anke l-ewwel Qorti kienet qed tahseb fuq dawn il-binarji meta, f’pagina disgha u sittin (69) tas-sentenza appellata qalet:
“Meta l-Prim’ Ministru baqa’ jinsisti u s-Sea Malta rat li ma kellhiex triq ohra ghajr li taccetta s-sitwazzjoni l-gdida, hija mill-ewwel u minghajr ebda konsultazzjoni mal-konvenut Bianchi jew mal-linji barranin insistiet li *carriers* godda ikunu tenuti li josservaw certi kondizzjonijiet” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

F’cirkostanzi bhal dawn, kif jista’ wiehed jitkellem dwar konfoffa bejn il-konvenuti? Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, ma rrizulta illi kien hemm ebda konfoffa, la apparenti u anqas reali. Konsegwentement, ma hemmx lok illi tigi konsidrata is-sottomissjoni ta’ l-atturi appellanti rigward “id-distinzjoni dwar l-intenzjoni primarja u sekondarja”, kontenuta fil-paragrafu enumerat ghoxrin (20) tal-petizzjoni ta’ appell;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell ta’ l-attur nomine u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes kollha ta’ din l-istanza rigwardanti l-appell interpost mill-atturi nomine jigu sopportati mill-istess atturi nomine, b’dan li l-ispejjez konnessi ma’ l-

appell ta' Vivian Bianchi nomine jibqghu a karigu ta' l-istess Vivian Bianchi nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------